KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.9.2004
KUMM(2004) 629 finali

2004/0220 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-kooperazzjoni ekonomika

(preżentata mill-Kummissjoni)

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

L-arkitettura l-ġdida ta' l-istrumenti tat-twettiq ta’ l-għajnuna esterna għall-perspettiva finanzjarja 2007-2013 tissemma b’mod ċar ħafna mill-Kummissjoni fil-Komunikati tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-perspettivi finanzjarji[1] u fil-Komunikat li jintroduċi r-regolamenti bażiċi. Tagħrif ieħor dwar l-għanijiet ġenerali, l-għanijiet speċifiċi u l-kondizzjonijiet ta’ twettiq ta’ l-istrument ta’ finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-kooperazzjoni ekonomika jinsab fir-rendikont finanzjarju mehmuż mar-Regolament. Għalhekk dawn ir-raġunijiet jippreżentaw il-karatteristiċi prinċipali tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

## 1. GĦANIJIET U PRINĊIPJI (TITLU 1)

### *1.1. Għanijiet ġenerali u oqsma ta’ kooperazzjoni (l-ewwel Artikolu)*

L-Artikolu 1 jiddefinixxi l-pajjiżi, it-territorji u r-reġjuni li jistgħu jibbenefikaw minn intervent fil-qafas ta’ dan ir-Regolament (paragrafu (1)), l-għanijiet ġenerali mfittxija (paragrafu (1)), u l-oqsma ta’ kooperazzjoni Komunitarji (paragrafu (2)).

Ir-Regolament ikopri l-pajjiżi , it-territorji u r-reġjuni kollha tad-dinja minbarra:

- l-Istati Membri tal-Komunità;
- il-Pajjiżi u t-Territorji li mhumiex fil-Kontinent Ewropew li l-assoċjazzjoni tagħhom mal-Komunità hi regolata mill-applikazzjoni ta’ l-Artikoli 182 sa 188 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;
- il-pajjiżi eliġibbli għall-istrument ta’ qabel is-sħubija (l-Albanija, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Bosnja Ħerzegovina, il-Kroazja, is-Serbja u Montenegro, it-Turkija)
- il-pajjiżi eliġibbli għall-strument Ewropew ta’ relazzjoni mal-ġirien u sħubija (l-Alġerija, l-Armenja, l-Awtorità Palestinjana taċ-Ċisġordanja u l-Medda ta’ Gaza, l-Ażerbajġan, il-Bielorussja, l-Eġittu, il-Federazzjoni Russa, il-Ġeorġa, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, il-Moldavja, is-Sirja, it-Tuneżija u l-Ukrajna).

Ir-Regolament ikopri kemm l-għanijiet ġenerali definiti fit-titlu XX tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (“Kooperazzjoni għall-iżvilupp”) kif ukoll dawk definiti fit-titlu XXI (“Kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika mat-terzi pajjiżi”). Għalhekk jappoġġja kemm il-politika ta’ l-iżvilupp[2] kif ukoll il-forom kollha ta’ kooperazzjoni mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, mal-pajjiżi li jinsabu fi transizzjoni u mal-pajjiżi industrijalizzati. B’mod aktar ġenerali, skond il-Komunikat dwar il-Perspettivi Finanzjarji[3], ir-Regolament hu

---

[1] KUMM(2004) 101 ta’ l-10 ta’ Frar 2004 u KUMM(2004) 487 ta’ l-14 ta’ Lulju 2004.

[2] Skond l-Artikolu 177 tat-Trattat, il-politika ta’ żvilupp tal-Komunità Ewropea taħdem favur: « l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u b’mod aktar partikolari ta’ dawk fosthom li għandhom l-aktar problemi; id-dħul armonjuż u progressiv tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-ekonomija dinjija; il-ġlieda kontra l-faqar fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ». Barra minn hekk, « il-politika tal-Komunità f’dan il-qasam tikkontribwixxi għall-għan ġenerali ta’ l-iżvilupp u tal-konsolidazzjoni tad-demokrazija u ta’ l-Istat leġislattiv, kif ukoll għall-għan tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali ».

[3] KUMM(2004) 487 ta’ l-14 ta’ Lulju 2004, sezzjoni 3.4.3.

wkoll il-bażi legali ġdida kkonsolidata mill-ħidma fuq livell internazzjonali għall-kisba ta' l-għanijiet tal-politika interna, inkluż fuq livell multilaterali u globali.

Ir-Regolament ma jillimitax l-oqsma ta' kooperazzjoni u ta' intervent tal-Komunità. Il-lista ta' l-oqsma hi mogħtija biex isservi ta' eżempju. L-oqsma għandhom jintgħażlu skond il-pertinenza tagħhom biex jintlaħqu l-għanijiet definiti fit-Trattat, l-obbligi u l-wegħdiet internazzjonali tal-Komunità (bħall-għanijiet tal-millenarju għall-iżvilupp) jew l-għanijiet speċifiċi previsti fil-ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni milħuqa mal-pajjiżi u mar-reġjuni msieħba. Madankollu, l-għażla ssir billi jiġu meqjusa l-orjentazzjonijiet tal-Komunità fil-qasam tal-konċentrazzjoni ta' l-għajnuna[4] u bit-tiftix ta' kumplimentarità bejn il-politika Komunitarja u l-politika ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu 177 tat-Trattat[5], skond il-Komunikati tal-Kummissjoni u skond ir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew[6].

### *1.2. Prinċipji ġenerali (Artikolu 2)*

L-Artikolu 2 isemmi ħames prinċipji ġenerali għat-twettiq tar-Regolament:

– il-koerenza bejn l-oqsma differenti ta' l-azzjoni barranija, kif ukoll il-koerenza ma' politiċi Komunitarji oħra, skond l-Artikoli (6) u (178) tat-Trattat[7], mal-Komunikati tal-Kummissjoni u mar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill [8];

– il-koordinazzjoni tal-politiċi u ta' l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni fost l-Istati Membri, u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, skond l-Artikolu 180 tat-Trattat[9], mal-Komunikati tal-Kummissjoni u mal-konklużjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill[10];

---

4 Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-politika komunitarja ta' l-iżvilupp (1348/00) ta' l-10 ta' Novembru 2000.

5 « Il-politika tal-Komunità fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li hija kumplimentari għal dawk li hemm fis-seħħ fl-Istati Membri, […] » (Artikolu 177).

6 - Komunikat tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-kumplimentarjetà tal-politiċi tal-Komunità u ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (KUMM(1999) 218 tas-6 ta' Mejju 1999).
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill għall-Iżvilupp tal-21 ta' Mejju 1999 (8435/99) dwar il-kumplimentarjetà bejn il-politika tal-Komunità u dawk ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-komunikat tal-Kummissjoni rigward il-kumplimentarjetà tal-politiċi tal-Komunità u ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (A5-0227/2000 – 21ta' Settembru 2000).

7 « Il-kriterji relatati mal-ħarsien ta' l-ambjent għandhom ikunu inklużi fid-definizzjoni u fit-twettiq tal-politiċi u ta' l-attivitajiet Komunitarji msemmija fl-Artikolu 3, b'mod partikolari fil-qasam tal-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli.» (Artikolu 6).
« Il-Komunità tqis l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 177 fil-politiċi li hi twettaq u li jistgħu jolqtu l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. » (article 178).

8 - Riżoluzzjoni tal-Kunsill, tal-5 ta' Ġunju 1997, dwar il-koerenza bejn il-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Komunità u l-politiċi Komunitarji l-oħra.
- Komunikat tas-Sur Nielson (Żvilupp u Għajnuna Umanitarja) « Lejn koerenza akbar bejn il-politika għall-iżvilupp u l-politiċi Komunitarji l-oħra » (KUMM(2000) 254 tat-18 ta' april 2000).

9 « Il-Komunità u l-Istati Membri jikkoordinaw il-politiċi tagħhom fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u jaqblu wieħed ma' l-ieħor dwar il-programmi ta' għajnuna tagħhom, inkluż fl-organizzazzjonijiet internazzjonali u matul konferenzi internazzjonali. Huma jistgħu jieħdu azzjonijiet konġunti. L-Istati Membri jikkontribwixxu, jekk hemm bżonn, għat-twettiq tal-programmi Komunitarji ta' għajnuna. » (Artikolu 180).

– il-koordinazzjoni bilaterali jew multilaterali ma' l-isponsors l-oħra, fil-qafas ta' l-għan ġenerali ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni Ewropea biex tħeġġeġ l-użu ta' metodi multilaterali bil-għan li ssolvi l-problemi internazzjonali;

– l-orjentazzjoni mill-ġdid ta' l-għajnuna Komunitarja lejn forom ta' appoġġ settorjali u baġitarji b'mod partikolari bl-għan li jsir tisħiħ ta' l-istrateġiji ta' l-iżvilupp nazzjonali u tal-politiċi tar-riformi, sabiex jikber l-impatt ta' l-għajnuna Komunitarja, sabiex jitħeġġu l-kontroll u l-kapaċitajiet lokali u sabiex issir ħidma favur il-koordinazzjoni u l-kumplimentarjetà fost id-donaturi.

– ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, tal-prinċipji demokratiċi u ta' l-Istat leġislattiv. Il-proċedura ta' waqfien ta' l-għajnuna f'każ li l-pajjiż imsieħeb ma jirrispettax xi element essenzjali hi mfehma fl-Artikolu 23.

## 2. PROGRAMMAZZJONI U ALLOKAZZJONI TAL-FONDI (TITLU II)

### *2.1. Qafas ġenerali tal-programmazzjoni u l-allokazzjoni tal-fondi (Artikolu 3), Programmazzjoni multi-annwali tal-programmi ġeografiċi (Artikolu 4) u Programmazzjoni multi-annwali tal-programmi tematiċi (Artikolu 5)*

L-Artikolu 3 jiddeskrivi l-qafas ġenerali tat-twettiq ta' l-għajnuna barranija mill-Komunità. Dan iserraħ fuq l-esperjenza miksuba, jirrispetta l-linji ta' direzzjoni definiti mir-riforma ta' l-immaniġġjar ta' l-għajnuna barranija mill-Komunità[11] u jsemmi l-innovazzjonijiet ewlenin introdotti fl-aktar Regolamenti riċenti adottati mill-Komunità[12]. L-għajnuna barranija mill-Komunità se tingħata permezz ta' programmi ġeografiċi kbar. Se jinżamm anke qafas għall-istabbiliment ta' programmi tematiċi maħsuba għall-finanzjament ta' inizjattivi globali u orizzontali, b'mod partikolari fil-każ ta' inizjattivi multilaterali jew globali maħsuba għall-promozzjoni esterna ta' l-għanijiet tal-politiċi interni ta' l-Unjoni, u huwa previst ukoll programm tematiku speċifiku għall-kooperazzjoni mal-pajjiżi industrijalizzati (ara wkoll il-punti 6.1.1 u 5.2 tar-Regolament Finanzjarju).

---

10 - « Linji bażiċi għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni operattiva bejn il-Komunità, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u l-Istati membri fil-qasam ta' l-għajnuna barranija» adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali ta' Jannar 2001 matul id-dibattitu ta' l-orjentazzjoni dwar l-azzjoni barranija ta' l-Unjoni Ewropea.
- L-Unjoni Ewropea tat definizzjoni tal-kontribuzzjoni tagħha għall-proċess tal-finanzjament għall-iżvilupp (Il-Konferenza ta' Monterrey- 18 sat-22 ta' Marzu 2002) matul il-Kunsill ta' Barċellona, fl-14 ta' Marzu 2002 u b'mod partikolari wegħdet li « ttejjeb l-effikaċità ta' l-għajnuna permezz ta' koordinazzjoni u armonizzazzjoni aktar stretti u li tieħu miżuri konkreti dwar dan qabel l-2004 ».
- Komunikat tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: « Inwettqu l-Konsensus ta' Monterrey fil-prattika: il-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea » (KUMM(2004) 150 tal-5 ta' Marzu 2004).

11 Komunikat SEG(2000) 814 tas-16 ta' Mejju 2000 ippreżentat mill-Kummissarji s-Sur Patten (Relazzjonijiet Barranin), is-Sur Nielson (Żvilupp u Għajnuna Umanitarja), is-Sur Verheugen (Tkabbir), is-Sur Lamy (Kummerċ) u s-Sur Solbes Mira (Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji).

12 B'mod partikolari: (a) Regolament tal-Kunsill (KE) EURATOM) Nru 99/2000 tad-29 ta' Diċembru 1999 rigward l-għoti ta' għajnuna lill-Istati sħab ta' l-Ewropa Orjentali u ta' l-Asja Ċentrali, (b) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2698/2000 tas-27 ta' Novembru 2000 li jimmodifika r-Regolament (KE) Nru 1488/96 rigward il-miżuri ta' akkumpanjament finanzjarji u tekniċi (MEDA) għar-riforma ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali fil-qafas tas-sħubija Ewro-Mediterranja, (ċ) ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2666/2000 tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2000 rigward l-għajnuna lill-Albanija, lill-Bosnja Ħerzegovina, lill-Kroazja, lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u lill-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

L-Artikoli (4) u (5) jippreżentaw il-modalitajiet ta' programmazzjoni multi-annwali tal-programmi ġeografiċi (dokumenti ta' strateġija u programmi indikattivi multi-annwali) u tematiċi (dokumenti ta' strateġija tematika) skond ir-riforma u l-prinċipji li tħejjew b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri mis-sena 2000 l'hawn. L-istruttura tad-dokumenti ta' l-istrateġija u tal-programmi indikattivi multi-annwali, stabbiliti għal kull pajjiż u reġjun imsieħeb, jirrispettaw b'mod partikolari l-limiti tad-dokument imsemmi « Qafas għad-dokumenti strateġiċi għal kull pajjiż »[13], li eventwalment ġie adattat sabiex jittieħed kont ta' l-esperjenza miġbura minn meta nbdiet ir-riforma. Bl-istess mod, id-dokumenti ta' l-istrateġija tematika se jkunu stabbiliti billi b'mod partikolari jitqies id-dokument imsejjaħ « Qafas komuni u proċedura ta' stabbiliment tal-programmazzjoni tal-linji baġitarji tematiċi u orizzontali»[14]. Il-kwalità u l-uniformità tal-programmazzjoni se jinżammu u jitjiebu sabiex jirriflettu l-għanijiet u l-prioritajiet tal-politiċi fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Il-prioritajiet strateġiċi se jkunu formalizzati fid-dokumenti ta' strateġija u l-programmazzjoni multi-annwali se toħloq «*policy-mix*» adegwat għal kull pajjiż jew reġjun imsieħeb billi jiġu integrati l-istrumenti ta' l-għajnuna barranija u strumenti Komunitarji oħra (kummerċ, PESC), u billi jiġu meqjusa l-prioritajiet reġjonali ta' l-Unjoni, is-sinerġiji u l-kumplimentaritajiet ma' l-Istati Membri u mad-donaturi bilaterali u multilaterali oħra, il-kuntest makro-ekonomiku speċifiku ta' kull pajjiż u d-djalogu dwar il-politiċi mal-pajjiżi msieħba. Id-dokumenti ġeografiċi ta' strateġija se jkunu stabbiliti fi djalogu bejn il-pajjiżi u r-reġjuni msieħba u l-programmi indikattivi multi-annwali se jkunu mifthiema mill-pajjiżi u r-reġjuni msieħba. Bil-għan li l-azzjonijiet Komunitarji jkunu koerenti u sabiex ikun hemm kumplimentarità bejn l-interventi tal-Komunità u dawk ta' ta' l-Istati Membri, dawn ta' l-aħħar se jkunu assoċjati bis-sħiħ mal-proċess ta' programmazzjoni, l-ewwel permezz ta' koordinazzjoni qawwija bejn ir-rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni u dik ta' l-Istati Membri, u wara dan fi Brussel, permezz tal-proċedura ta' « komitoloġija ».

### *2.2. Adozzjoni tad-dokumenti ta' programmazzjoni multi-annwali (Artikolu 6)*

L-Artikolu 6 jindika li d-dokumenti ta' programmazzjoni multi-annwali (jiġifieri d-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi multi-annwali għall-pajjiżi u r-reġjuni msieħba, u d-dokumenti ta' strateġija tematika) huma adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, jiġifieri wara opinjoni tal-kumitat ta' tmexxija magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u presedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni (il-kumitat hu mwaqqaf fl-Artikolu 21 tar-Regolament). Il-kumitat jagħti l-opinjoni tiegħu dwar id-dokumenti ta' programmazzjoni l-aktar dawn previsti fl-Artikolu 205(2) tat-Trattat, għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, hu msejjaħ biex jieħu.

## 3. TWETTIQ (TITLU III)

### *3.1. Adozzjoni tal-programmi ta' azzjoni (Artikolu 7)*

L-Artikolu 7 jipprevedi li d-deċiżjonijiet ta' finanzjament meħuda mill-Kummissjoni se jieħdu x-xejra ta' programmi ta' azzjoni, għal kull pajjiż u għal kull reġjun, adottati fuq bażi

[13] Dokument ta' xogħol tas-servizzi tal-Kummissjoni (SEG(2000) 1049) approvat mill-Kunsill għall-Iżvilupp ta' l-10 ta' Novembru 2000.

[14] Dokument tax-xogħol tas-servizzi tal-Kummissjoni approvat mid-Diretturi Ġenerali tad-Direzzjoni Ġenerali tar-Relazzjonijiet Esterni, tad-Direzzjoni Ġenerali għall-Iżvilupp u ta' l-Uffiċċju għall-Kooperazzjoni *EuropeAid* f'Diċemrbu 2003.

annwali. Dan jaqbel mal-prinċipji l-ġodda mressqa fl-aktar Regolament riċenti u li kienu adottati mill-Komunità[15]. Peress li dawn huma deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni bi qbil mad-dokumenti ta' programmazzjoni multi-annwali (jiġifieri d-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi multi-annwali għall-pajjiżi u r-reġjuni msieħba, u d-dokumenti ta' strateġija tematika) approvati mill-Istati Membri, mhux previst li l-programmi ta' azzjoni jgħaddu mill-proċedura hekk imsejħa tal-« komitoloġija ». Il-Kummissjoni se tgħaddi l-programmi ta' azzjoni lill-Istati Membri fi żmien xahar, li jibda jgħodd minn meta hi tieħu d-Deċiżjoni tagħha. Permezz tal-programmi ta' azzjoni se jsir l-iffirmar tal-konvenzjonijiet ta' finanzjament mal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba, jekk ikun il-każ, b'mod partikolari fil-qafas tal-programmi ġeografiċi. Il-programmi ta' azzjoni jistgħu jkunu adattati, meta jkun hemm il-ħtieġa, fil-qafas tal-prerogattivi tal-Kummissjoni. B'eċċezzjoni, l-Artikolu 7 jipprevedi l-possibilità li jiġu adottati miżuri li mhumiex inklużi fil-programmi ta' azzjoni, skond l-istess modalitajiet bħall-programmi ta' azzjoni. Din id-dispożizzjoni tista' tkun utli fil-każ li l-Kummissjoni tkun tixtieq tagħmel finanzjament ta' malajr filwaqt li l-programm ta' azzjoni ma jkunx għadu tlesta kollu.

### *3.2. Adozzjoni tal-miżuri speċifiċi li mhumiex previsti fid-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi multi-annwali (Artikolu 8)*

L-Artikolu 8 jipprevedi l-possibilità li jiġu adottati l-miżuri speċifiċi li mhumiex previsti fid-dokumenti ta' strateġija u fil-programmi indikattivi multi-annwali f'każ ta' bżonn jew f'każ ta' avvenimenti li ma kienux previsti. Din id-dispożizzjoni tippermetti t-tkabbir tar-reattività tal-Komunità u tintroduċi l-flessibilità meħtieġa għal twettiq effikaċi ta' l-għajnuna barranija mill-Komunità, b'mod partikolari f'każ ta' miżuri urġenti. Peress li dawn id-deċiżjonijiet huma meħuda mill-Kummissjoni barra mill-programmazzjoni multi-annwali approvata mill-Istati Membri, hu previst li dawn id-deċiżjonijiet jgħaddu mill-proċedura ta' « komitoloġija » peress li l-ammont finanzjarju hu ta' aktar minn 15-il miljun Euro. Hu għalhekk li l-miżuri speċifiċi li mhumiex previsti fid-dokumenti ta' strateġija u fil-programmi indikattivi multi-annwali huma adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, jiġifieri wara opinjoni tal-kumitat konsultattiv magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u presedut mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni (il-kumitat hu mwaqqaf fl-Artikolu 21 tar-Regolament). Il-kumitat jagħti l-opinjoni tiegħu dwar miżuri speċifiċi, il-Kummissjoni tikkunsidra l-aktar bir-reqqa l-opinjoni maħruġa mill-kumitat u tgħarrfu bil-mod li bih tkun ġiet meqjusa din l-opinjoni. Il-Kummissjoni tista' tadatta l-miżuri speċifiċi skond l-istess proċedura; madankollu, l-opinjoni tal-kumitat mhix neċessarja fil-każi ta' adattament meqjus bħala minuri, imsemmi fl-Artikolu 8(5).

### *3.3. Eliġibilità (Artikolu 9)*

L-Artikolu 9 jagħti l-lista preċiża ta' l-entitajiet, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet eliġibbli fil-qafas tar-Regolament. Hu jipprevedi eliġibilità wiesgħa b'konformità mal-prattika attwali. L-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea huma eliġibbli, iżda fil-qafas tat-twettiq tal-miżuri ta' appoġġ biss (ara l-Artikolu 11). Rigward l-eliġibilità għas-sussidji Komunitarji, l-Artikolu 9 għandu jiġi meqjus fid-dawl ta' l-Artikolu 16 li jippreċiża r-regoli għas-sehem fil-proċeduri tas-swieq pubbliċi u għall-proċeduri ta' l-għoti tas-sussidji.

[15] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 11.

### 3.4. *Tipi ta' miżuri (Artikolu 10) u Miżuri ta' Appoġġ (Artikolu 11)*

L-Artikolu 10 jagħti eżempji, mingħajr ma jagħti l-lista sħiħa, permezz tal-prattiċi attwali[16], tat-tip ta' miżuri li jistgħu jkunu ffinanzjati fil-qafas tar-Regolament.

Skond l-Artikolu 11, il-Komunità tista' tiffinanzja, fil-qafas tar-Regolament, il-miżuri ta' appoġġ kollha meħtieġa għat-twettiq ta' dan ta' l-aħħar. Jekk il-miżuri ta' appoġġ ma jiġux iffinanzjati direttament fil-qafas tal-programmazzjonijiet multi-annwali u tal-programmi ta' azzjoni, xi limiti speċifiċi (li jaqblu mal-« linji BA » attwali) huma previsti fil-punt 6.1.2 tar-Regolament Finanazjarju u fl-Artikolu 11(3) li jipprevedi li l-miżuri ta' appoġġ jiġu adottati skond l-istess modalitajiet bħall-miżuri speċifiċi li mhumiex previsti fid-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi multi-annwali (ara Artikolu 8).

### 3.5. *Kofinanzjamenti (Artikolu 12) u Modi ta' tmexxija (Artikolu 13)*

Skond il-prattika attwali u skond ix-xewqa ta' l-isponsors li jippromwovu koordinazzjoni akbar ta' l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni, l-Artikolu 12 jikkonferma li l-miżuri ffinanzjati jistgħu jiffurmaw parti minn kofinanzjament (parallel jew konġunt). Hu jippreċiża, fil-paragrafu 3, li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni tista' tirċievi jew tmexxi l-fondi ta' l-Istati Membri (u b'mod partikolari l-aġenziji pubbliċi u parapubbliċi tagħhom), ta' xi Stat terz sponsor tal-fondi, jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni bħall-isponsors tal-fondi l-oħra kollha.

L-Artikolu 13 jiddeskrevi l-modi ta' tmexxija li l-Kummissjoni tista' tuża biex twettaq il-miżuri finanzjarji fil-qafas tar-Regolament:

– Tmexxija ċentralizzata diretta jew indiretta minn aġenziji Komunitarji jew minn organizzazzjonijiet maħluqa mill-Komunitajiet (paragrafu (2)).

– Tmexxija ċentralizzata indiretta minn organizzazzjoni ta' l-Istati Membri (paragrafu (3)), skond l-Artikolu 54(2)(ċ)(i) tar-Regolament finanzjarju li jawtorizza din il-possibilità jekk l-att bażiku jipprevedih. F'dan il-każ, l-Artikolu jippreċiża li l-Kummissjoni tieħdu d-deċiżjoni tagħha skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, jiġifieri wara opinjoni tal-kumitat ta' tmexxija magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri (*Cf.* modalitajiet fil-punt 2.2).

### 3.6. *Responsabbiltajiet baġitarji (Artikolu 14)*

L-Artikolu 14 jippreċiża li r-responsabiltajiet baġitarji jittieħdu fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fil-qafas tal-programmi ta' azzjoni (Artikolu 7), tal-miżuri speċifiċi li mhumiex previsti fid-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi multi-annwali (Artikolu 8), u l-miżuri ta' appoġġ (Artikolu 11).

### 3.7. *Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità (Artikolu 15)*

L-Artikolu 15 jippreċiża l-miżuri maħsuba biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità, u b'mod partikolari biex jippermettulha tagħmel il-verifiki kollha meħtieġa għall-kontrolli ta' l-attivitajiet imwettqa.

---

16 Bħala eżempju irreferi għall-Artikolu 61 tal-Ftehim ta' Cotonou.

*3.8. Sehem fil-proċeduri tas-swieq pubbliċi u fil-proċeduri ta' l-għoti tas-sussidji u r-regoli ta' oriġini (Artikolu 16)*

L-Artikolu 16 jiddefinixxi l-kondizzjonijiet ta' aċċess għas-swieq pubbliċi u għall-proċeduri ta' l-għoti tas-sussidji fil-qafas tat-twettiq tar-Regolament. F'dan l-istadju, id-dispożizzjonijiet previsti jaqblu mal-« Proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal-Regolament dwar l-aċċess għall-għajnuna barranija mill-Komunità »[17] li jipprevdi li xi regoli bażiċi ta' l-istrumenti ewlenin ta' għajnuna Komunitarja jiġu emendati bil-għan li l-għajnuna tikber. Hu ta' min jinnota b'mod partikolari li l-Artikolu 16(2) jipprevedi li meta Stat terz jista' jniedi l-proċeduri tiegħu tas-swieq pubbliċi u ta' l-għoti tas-sussidji lill-Istati Membri tal-Komunià, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tawtorizza lil dan l-Istat terz biex jieħu sehem fil-proċeduri Komunitarji tas-swieq pubbliċi u l-għoti tas-sussidji lill-Istati Membri tal-Komunità, wara opinjoni tal-kumitat ta' tmexxija magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri (proċedura prevista fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE - *Cf.* modalitajiet fil-punt 2.2). L-Artikolu 16 jista' jiġi emendat b'konsiderazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew meta jsir l-eżaminar tar-Regolament imsemmi qabel.

*3.9. Finanzjamenti minn qabel (Artikolu 17) u Sussidji mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment jew ta' intermedjarji finanzjarji oħra (Artikolu 18)*

L-Artikoli 17 u 18 jippreċiżaw xi punti tekniċi relattivi mat-twettiq ta' ċerti miżuri previsti fl-Artikolu 10. B'mod partikolari:

L-Artikolu 17 jindika li l-interessi maħluqa fuq il-finanzjament minn qabel jitnaqqsu mill-ħlas finali.

L-Artikolu 18 jippreċisa t-tip ta' dispożizzjonijiet li l-Kummissjoni għandha tadotta, każ b'każ, meta hi tiddeċiedi li tqiegħed xi Fondi għad-dispożizzjoni tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment jew ta' intermedjarji finanzjarji oħra.

*3.10. Evalwazzjoni (Artikolu 19)*

L-Artikolu 19 jobbliga lill-Kummissjoni sabiex tevalwa b'mod regolari r-riżultati tal-politiċi u l-programmi ġeografiċi u tematiċi, tal-politiċi settorjali, kif ukoll l-effikaċità tal-programmazzjoni.

## 4. DISPOŻIZZJONIJIET AĦĦARIJA (TITLU IV)

*4.1. Rapport annwali (Artikolu 20)*

Skond id-deċiżjonijiet imwettqa mill-2001 'il quddiem, li kienu maħsuba biex jissimplifikaw u jnaqqsu n-numru ta' rapporti mibgħuta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, l-Artikolu 20 jindirizza s-sitwazzjoni preżenti u jipprevedi li l-Kummissjoni tibgħat, kull sena, rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Ir-rapport jitħejja filwaqt li tiġi kkunsidrata l-esperjenza

[17] KUMM(2004) 313 tas-26 ta' April 2004.

miksuba mill-2001 'il quddiem u b'mod partikolari l-osservazzjonijiet annwali tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew dwar il-forma u l-kontenut tar-rapport.[18]

*4.2. Komitoloġija (Artikolu 21)*

L-Artikolu 21 iwaqqaf il-kumitat ta' l-Istati Membri. Għall-prerogattivi tal-kumitat, jaqbel li ssir referenza għall-punti 2.2, 3.2, 3.5 u 3.8. Meta l-kumitat jeżamina l-azzjonijiet barranija marbuta mal-proġettazzjoni esterna tal-politiċi interni, il-kumitat jista' jkun ko-presedut mis-servizz tal-Kummissjoni konċernata.

*4.3. Sehem ta' pajjiż terz mhux eliġibbli fil-qafas ta' dan ir-Regolament (Artikolu 22)*

Sabiex l-effikaċità ta' l-għajnuna komunitarja tikber, u b'mod partikolari sabiex ċerti programmi ma jibqgħux jinqasmu f'diversi strumenti, l-Artikolu 22 ikabbar il-lista tal-pajjiżi li jistgħu jibbenefikaw mill-miżuri meħuda fil-qafas tar-Regolament. Din il-lista tinkludi l-Pajjiżi u t-Territorji li jinsabu lil hinn mill-Kontinent Ewropew, il-pajjiżi eliġibbli għall-istrument ta' qabel is-sħubija u l-pajjiżi eliġibbli għall-istrument Ewropew ta' relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien u ta' sħubija. Din id-dispożizzjoni se titwettaq meta l-proġett jew programm adottat ikollu karattru globali, reġjonali jew ta' bejn il-fruntieri.

*4.4. Twaqqif ta' l-għajnuna (Artikolu 23)*

L-Artikolu 23 jiddefinixxi l-proċedura applikabbli fil-każ li l-prinċipji definiti fit-Titlu I ma jiġux irrispettati. Hu japplika fin-nuqqas ta' ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni ma' pajjiż imsieħeb, jew jekk dan il-ftehim ma jipprevedix proċeduri għal klawsoli essenzjali.

*4.5. Dispożizzjonijiet finananzjarji (Artikolu 24)*

L-Artikolu 24 jistipula l-ammont ta' referenza finanzjarja għat-twettiq tar-Regolament u jippreċiża l-limitu maħsub għall-kooperazzjoni ma' l-Istati ta' l-Afrika, tal-Karajbi u tal-Paċifiku, skond il-Komunikat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew « Lejn integrazzjoni sħiħa tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi AKP fil-baġit ta' l-UE »[19].

*4.6. Reviżjoni tar-Regolament (Artikolu 25)*

L-Artikolu 25 jipprevedi l-possibilità ta' reviżjoni tar-Regolament fil-31 ta' Diċembru 2001.

---

[18] L-aħħar rapport trasmess hu « ir-Rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-politika ta' żvilupp tal-Komunità Ewropea u t-twettiq ta' l-għajnuna barranija fl-2002» (KUMM(2003) 527 tat-3 ta' Settembru 2003).

[19] KUMM(2003) 590 tat-8 ta' Ottubru 2003.

2004/0220 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-kooperazzjoni ekonomika**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 179 (1) u 181 A (2),

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[20],

jieħdu azzjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

Billi:

(1) Sabiex l-effikaċità ta' l-għajnuna barranija mill-Komunità titjieb, tfassal qafas li jirregola l-pjanifikazzjoni u l-offerta ta' attivitajiet ta' għajnuna. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru […] tal- hu maħsub biex joħloq strument ta' qabel is-sħubija (IPSA), li jkopri l-għajnuna tal-Komunità lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi li jistgħu jkunu kandidati[21]. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) u tal-Parlament Ewropew Nru […] tal-iniedi strument Ewropew ta' relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien u ta' sħubija (ENPI)[22]. Dan ir-Regolament hu t-tielet strument ġenerali li jappoġġja b'mod dirett il-politiċi barranin Ewropej.

(2) L-eżistenza tar-relazzjonijiet bilaterali segwiti u approfonditi bejn il-Komunità u l-pajjiżi industrijalizzati, u l-konsolidazzjoni ta' l-istituzzjonijiet multilaterali huma fattur importanti ta' tisħiħ tar-rwol u tal-post ta' l-Unjoni Ewropea fid-dinja, u jikkontribwixxi sew għall-ekwilibriju u l-iżvilupp ta' l-ekonomija dinjija.

(3) Bil-prinċipji stabbiliti fil-ftehimiet, pjani ta' azzjoni u dikjarazzjonijiet oħra adottati b'mod konġunt, il-Komunità twettaq politika ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi industrijalizzati sabiex jinħoloq ambjent favorevoli għat-twettiq u l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn il-Komunità u dawn il-pajjiżi. Il-politika ta' kooperazzjoni tgħin il-ħolqien ta' l-aħjar kondizzjonijiet għat-tisħiħ tal-preżenza Ewropea f'dawn il-pajjiżi u għall-iżvilupp ta' l-iskambji, b'mod partikolari fuq il-pjan ekonomiku, kummerċjali, akkademiku u kulturali.

[20] ĠU L […] ta' […], p. […].
[21] ĠU L […] ta' […], p. […].
[22] ĠU L […] ta' […], p. […].

(4) Il-Komunità tuża politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp li b'mod partikolari hi maħsuba għat-twettiq ta' l-għanijiet tal-ġlieda kontra l-faqar, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u l-integrazzjoni armonjuża u progressiva tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-ekonomija dinjija.

(5) L-Għanijiet tal-Millenarju għall-Iżvilupp, adottati mill-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fis-sena 2000, bħall-qerda tal-faqar estrem u tal-ġuħ, u l-għanijiet u l-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli li dwarhom intlaħaq ftehim matul il-konferenzi tal-Ġnus Magħquda, imexxu l-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-azzjoni internazzjonali tal-Komunità.

(6) Ambjent politiku li jiggarantixxi l-paċi, s-sigurtà u l-istabbilità, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-prinċipji demokratiċi u l-Istat leġislattiv, u t-tmexxija tajba ta' l-affarijiet pubbliċi huma parti integrali mill-iżvilupp sostenibbli.

(7) Politiċi ekonomiċi b'saħħithom u sostenibbli huma kondizzjoni ewlenija ta' l-iżvilupp.

(8) Id-Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Novembru 2000 dwar il-politika ta' l-iżvilupp tal-Komunità Ewropea tistipula l-qafas ġenerali ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam ta' l-iżvilupp.

(9) Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha laħqu ftehimiet ta' sħubija u ta' kooperazzjoni bil-għan li tingħata kontribuzzjoni sinjifikattiva għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi msieħba u għall-ġid tal-popolazzjonijiet tagħhom.

(10) Il-ftehimiet ta' sħubija u ta' kooperazzjoni huma bbażati fuq valuri komuni u universali f'dak li għandu x'jaqsam mar-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, kif ukoll fuq ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u ta' l-Istat leġislattiv, dawn l-elementi huma essenzjali f'dawn il-ftehimiet.

(11) Għan essenzjali li jrid jintlaħaq waqt it-twettiq tal-politika Komunitarja ta' l-iżvilupp hu t-titjib ta' l-effikaċità ta' l-għajnuna. Kumplimentarjetà aħjar u aktar razjonalizzazzjoni, semplifikazzjoni, armonizzazzjoni u koordinazzjoni tal-proċeduri, mingħajr ma' jsir kompromess fir-rigward ta' l-għażliet tal-politiċi: dawn huma meħtieġa fi ħdan l-Unjoni Ewropea, iżda wkoll fir-relazzjonijiet ma' l-isponsors u ma' l-atturi l-oħra ta' l-iżvilupp sabiex l-għajnuna tkun koerenti u pertinenti, u fl-istess ħin jitnaqqsu l-ispejjeż li għalihom il-pajjiżi msieħba huma responsabbli.

(12) Il-kontroll ta' l-istrateġiji ta' żvilupp għall-pajjiżi msieħba hu essenzjali sabiex il-politiċi ta' żvilupp ikollhom suċċess u, f'din il-perspettiva, l-akbar assoċjazzjoni possibli tas-setturi kollha tas-soċjetà għandha titħeġġeġ. L-istrateġiji ta' kooperazzjoni u l-proċeduri tat-twettiq ta' l-interventi ta' l-isponsors għandhom, kemm jista' jkun, ikunu jaqblu ma' dawk tal-pajjiżi imsieħba, fi spirtu ta' kontroll, effikaċità u trasparenza.

(13) Il-koerenza bejn l-oqsma differenti ta' azzjoni esterna mill-Komunità għandha tkun garantita u l-politiċi esterni tal-Komunità għandhom ikunu kompatibbli mal-politiċi interni.

(14) Il-Kummissjoni adottat żewġ komunikati dwar ir-relazzjoni bejn l-għajnuna ta' urġenza, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp (KUMM(1996) 153 u KUMM(2001) 153), li huma segwiti mir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u mill-konklużjonijiet tal-Kunsill li jisħqu l-ħtieġa li l-operazzjonijiet iffinanzjati fil-qafas tad-diversi strumenti ta' finanzjament tal-Komunità Ewropea jiġu relatati.

(15) Sabiex il-politiċi interni jiġu proġettati b'mod effettiv lil hinn mill-Unjoni, l-adozzjoni ta' programmi tematiċi hu mezz essenzjali li għandu jgħaqqad il-bżonn ta' koerenza settorjali u ta' viżibilità tematika għall-politiċi interni u l-esiġenza ta' koerenza globali tar-relazzjonijiet esterni.

(16) Hu essenzjali li jkun hemm livell xieraq ta' għajnuna sabiex il-valur ta' l-għajnuna u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet lokali jikbru.

(17) Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għall-perjodu 2007-2013, qafas finanzjarju li għall-awtorità baġitarja jirrappreżenta r-referenza privileġġata, skond il-punt 33 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib tal-proċedura baġitarja.

(18) Jistgħu jittieħdu l-miżuri meħtieġa għat-twettiq ta' dan ir-Regolament skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-modalitajiet ta' l-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' eżekuzzjoni mogħtija lill-Kummissjoni.[23] Jistgħu jiġu adottati d-dokumenti ta' programmazzjoni multi-annwali kif ukoll xi miżuri ta' twettiq speċifiċi, skond il-proċedura tal-kumitat ta' tmexxija. Il-miżuri l-oħra li mhumiex previsti fid-dokumenti ta' programmazzjoni se jkunu adottati skond il-proċedura tal-Kumitat Konsultattiv.

(19) Minħabba li l-għanijiet ta' l-azzjoni maħsuba, li huma l-għajnuna tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-kooperazzjoni ekonomika, il-kooperazzjoni finanzjarja, il-kooperazzjoni xjentifika u teknika, u kull forma oħra ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi, territorji u reġjuni li mhumiex Stati Membri tal-Komunità jew pajjiżi u territorji li jinsabu barra mill-Kontinent Ewropew iżda li huma assoċjati mal-Komunità, u li mhumiex eliġibbli għall-għajnuna Komunitarja fil-qafas ta' l-IPSA jew fil-qafas ta' l-ENPI, ma jistgħux jitwettqu kif suppost mill-Istati membri u għalhekk, minħabba d-dimensjonijiet ta' l-azzjoni, jaqbel li jitwettqu fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tieħu xi miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà imsemmi fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità hekk kif jidher fl-Artikolu msemmi, ir-Regolament ma jeċċedix dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet,

(20) Dan ir-Regolament jeħtieġ ir-revoka tar-Regolamenti li ġejjin; (a) Regolament tal-Kunsill (KE) u tal-Parlament Ewropew Nru 1568/2003, tal-15 ta' Lulju 2003, rigward l-għajnuna għall-ġlieda kontra l-mard maħluq mill-faqar (HIV/AIDS, tuberkulożi u malarja) fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, (b) Regolament tal-Kunsill (KE) u tal-Parlament Ewropew Nru 1567/2003 tal-15 ta' Lulju 2003, dwar l-għajnuna maħsuba għall-politiċi u għall-azzjonijiet relatati mas-saħħa riproduttiva u sesswali u mad-drittijiet relatati fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, (c) Regolament tal-Kunsill (KE) u tal-Parlament Ewropew Nru 2493/2000, tas-7 ta' Novembru 2000, dwar il-miżuri maħsuba biex jippromwovu l-integrazzjoni sħiħa ta' dimensjoni ambjentali fil-proċess

[23] ĠU L 184 tas-17.7.1999, p. 23.

ta' żvilupp tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, (d) Regolament tal-Kunsill (KE) u tal-Parlament Ewropew Nru 2494/2000, tas-7 ta' Novembru 2000, dwar il-miżuri maħsuba biex jippromwovu l-konservazzjoni u t-tmexxija sostenibbli tal-foresti tropikali fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, (e) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/1999, tad-29 ta' April 1999, li jistipula l-esiġenzi għat-twettiq ta' azzjonijiet ta' kooperazzjoni li jikkontribwixxu għall-għan ġenerali ta' l-iżvilupp u tal-konsolidazzjoni tad-demokrazija u ta' l-istat leġislattiv kif ukoll dak tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, (f) Regolament tal-Kunsill (KE) u tal-Parlament Ewropew Nru 806/2004, tal-21 ta' April 2004, rigward il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, (g) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1659/98, tas-17 ta' Lulju 1998 dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata, emndat mir-Regolamenti (KE) Nru 995/2002 u 625/2004, (h) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1658/98, tas-17 ta' Lulju 1998, dwar il-kofinanzjament ma' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi Ewropej (ONG) ta' l-iżvilupp għal azzjonijiet fl-oqsma li jolqtu lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, (i) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96, tas-27 ta' Ġunju 1996, dwar il-politika u t-tmexxija ta' l-għajnuna alimentari u ta' l-azzjonijiet speċifiċi ta' appoġġ għas-sigurtà alimentari, emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) u tal-Parlament Ewropew Nru 1726/2001, tat-23 ta' Lulju 2001, li jemenda l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 rigward il-politika u t-tmexxija ta' l-għajnuna alimentari u ta' l-azzjonijiet ta' appoġġ speċifiċi għas-sigurtà alimentarji, (j) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 382/2001 tas-26 ta' Frar 2001, rigward it-twettiq tal-proġetti maħsuba biex jippromwovu l-kooperazzjoni u r-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi industrijalizzati ta' l-Amerika ta' Fuq, il-Lvant Imbiegħed u l-Awstralasja u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1035/1999, (k) Regolament tal-Kunsill (KE) u tal-Parlament Ewropew Nru 1726/2000, tad-29 ta' Ġunju 2000, r (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1726/2000 rigward il-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma' l-Afrika t'Isfel, (l) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92, tal-25 ta' Frar 1992, rigward l-għajnuna finanzjarja u teknika, rigward il-kooperazzjoni ekonomika mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-Amerika Latina u fl-Asja u rigward il-kooperazzjoni ma' l-Afrika t'Isfel, (m) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2258/96, tat-22 ta' Novembru 1996, dwar l-azzjonijiet ta' rijabilitazzjoni u rikostruzzjoni fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, (n) Regolament tal-Kunsill (KE) u tal-Parlament Ewropew Nru 2130/2001, tad-29 ta' Ottubru 2001, dwar l-azzjonijiet fil-qasam ta' l-għajnuna għar-refuġjati fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-Amerika Latina u fl-Asja, (o) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 550/97 , ta' l-24 ta' Marzu 1997, dwar l-azzjonijiet fil-qasam ta' l-HIV/AIDS fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, (p) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1484/97 tat-22 ta' Lulju 1997 rigward l-għajnuniet għall-politiċi u l-programmi demografiċi fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw,

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# TITLU I

# GĦANIJIET U PRINĊIPJI

## *L-ewwel Artikolu*

## Għan u qasam ta' l-applikazzjoni

(1) Skond l-Artikoli 179 u 181 A tat-Trattat, il-Komunità tiffinanzja ċertu miżuri bil-għan li jsostnu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi, territorji u reġjuni (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "pajjiżi u reġjuni msieħba") li mhumiex Stati Membri tal-Komunità jew Stati u Territorji li ma jinsabux fil-kontinent Ewropew li huma assoċjati mal-Komunità, u li mhumiex eliġibbli għal għajnuna komunitarja permezz ta' l-istrument ta' qabel is-sħubija jew permezz ta' l-istrument Ewropew marbut mal-politika dwar il-pajjiżi ġirien, kif ukoll l-azzjoni internazzjonali fil-qafas multilaterali.

(2) Skond l-Artikoli 179 u 181 A tat-Trattat, l-għajnuna komunitarja tappoġġja partikolarment il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-kooperazzjoni ekonomika, il-kooperazzjoni finanzjarja, il-kooperazzjoni xjentifika u teknika, u kull forma oħra ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni msieħba, kif ukoll dawk l-azzjonijiet internazzjonali li għandhom l-għan li jippromwovu fuq barra ta' l-Ewropa l-għanijiet tal-politika interna ta' l-Unjoni. Din il-kooperazzjoni titwettaq fil-qafas tal-prinċipji u l-għanijiet ta' l-azzjoni esterna tal-Komunità.

(3) Il-miżuri finanzjarji li jaqgħu taħt dan ir-Regolament ikopru l-oqsma kollha ta' kooperazzjoni pertinenti biex jintlaħqu l-għanijiet definiti f'Artikoli 177 sa 181 A tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea kif ukoll biex ikunu rispettati l-obbligi u l-impenji internazzjonali tal-Komunità. Dan ikopri wkoll l-oqsma previsti mill-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni u strumenti bilaterali oħra konklużi mal-pajjiżi u reġjuni msieħba, jew preċiżati waqt dikjarazzjonijiet approvati b'mod konġunt mal-pajjiżi u reġjuni msieħba, kif ukoll it-tfittxija biex jintlaħqu fuq livell internazzjonali l-għanijiet tal-politika interna. Il-miżuri jikkonċernaw b'mod partikolari:

(a) l-iżvilupp soċjali u uman; dan jinkludi s-saħħa u l-popolazzjoni;

(b) il-promozzjoni ta' l-ugwaljazna bejn is-sessi;

(c) l-iżvilupp rurali, l-għajnuna u s-sigurtà alimentari;

(d) l-iżvilupp urban;

(e) il-ħarsien ta' l-ambjent;

(f) it-tmexxija sostenibbli tar-riżorsi naturali;

(g) l-infrastruttura, partikolarment tat-trasport, ta' l-ilma, ta' l-enerġija, ta' l-ambjent u tat-telekomunikazzjoni, bl-inklużjoni tas-sistemi ta' tmexxija u s-

sigurtà ta' l-infrastrutturi u l-operazzjonijiet li jinvolvu l-enerġija u t-trasport u l-miżuri marbuta mas-settur ekonomiku ta' l-enerġija:

(h) is-settur privat, is-setturi produttivi u l-infrastruttura ekonomika;

(i) il-kummerċ u l-investimenti;

(j) ix-xogħol, il-koeżjoni soċjali u l-ħarsien soċjali;

(k) ir-rispett tad-drittijiet fundamentali soċjali, li jinkludu d-drittijiet fundamentali marbuta max-xogħol;

(l) kwistjonijiet doganali u fiskali;

(m) ir-riformi makro-ekonomiċi jew strutturali;

(n) ir-riformi settorjali;

(o) l-edukazzjoni bażika, tagħlim sekondarju jew superjuri u t-taħriġ professjonali;

(p) ir-riċerka, il-kooperazzjoni u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet xjentifiċi u tekniċi, u l-mobilità xjentifika;

(q) il-kooperazzjoni kulturali u l-iskambji akkademiċi u interkulturali;

(r) il-komprensjoni reċiproka bejn il-Komunità u l-pajjiżi u r-reġuni msieħba;

(s) l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u d-djalogu bejn l-atturi mhux statali, partikolarment l-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-istampa u l-mezzi tx-xandir, l-imsieħba soċjali;

(t) l-appoġġ istituzzjonali li għandu l-għan partikolari li jippromwovi tmexxija tajba, li jsaħħaħ is-supremazija tal-liġi, tal-kapaċitajiet amministrattivi u ta' l-awtoritajiet lokali, itejjeb l-effikaċità u l-impatt tas-servizzi pubbliċi u biex ikun hemm relazzjoni aktar mill-qrib bejn l-oqsma istituzzjonali u dawk ta' regolamentazzjoni;

(u) id-djalogu fuq il-politiċi;

(v) il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-appoġġ għall-proċess ta' demokratiċizzazzjoni, li jinkludi l-osservazzjoni u l-għajnuna elettorali;

(w) il-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali, li tinkludi kooperazzjoni bejn imsieħba industrijali;

(x) il-kooperazzjoni bejn il-fruntieri;

(y) il-ġustizzja, kooperazzjoni ġuridika, il-kooperazzjoni fl-oqsma tal-pulizija, fiskali, finanzjarji u doganali;

(z) l-eżilju politiku u l-immigrazzjoni (legali u illegali), fid-dimensjonijiet kollha tagħhom, bl-inklużjoni partikolari tal-kontroll tal-fruntieri, l-ammissjoni mill-ġdid u r-ritorn, kif ukoll il-ħarsien internazzjonali.

(aa) l-għajnuna għar-refuġjati jew għall-persuni mċaqalqa jew imkeċċija;

(bb) il-prevenzjoni, it-tmexxija u t-tisjib ta' soluzzjonijiet għall-kunflitti;

(cc) it-transizzjoni ta' għajnuna urġenti lejn ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp fuq medda twila ta' żmien, ir-rikostruzzjoni u r-rijabilitazzjoni post-urġenza;

(dd) il-prevenzjoni ta' katastrofi naturali;

(ee) kull qasam ieħor li hu meħtieġ biex jitwettqu l-għanijiet definiti fl-Artikoli 177 sa 181 A tat-Trattat.

*Artikolu 2*

Prinċipji ġenerali

(1) Għall-miżuri finanzjarji kollha u l-oqsma kollha ta' kooperazzjoni li jaqgħu taħt ir-Regolament preżenti, il-Komunità tfittex il-koerenza bejn l-oqsma differenti tal-politika esterna, kif ukoll koerenza bejn il-politiċi Komunitarji l-oħra. Din il-koerenza hi assigurata permezz tad-definizzjoni ta' dawn il-politiċi, il-pjanifikazzjoni strateġika, il-programazzjoni ta' l-attivitajiet u t-twettiq tagħhom.

(2) Bl-għan li tiżdied il-koordinazzjoni bejn il-politika ta' kooperazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri u l-proċessi ta' programmazzjoni ta' l-attivitajiet, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ifittxu koordinazzjoni reċiproka u komplimentarjetà fl-azzjonijiet għall-miżuri finanzjarji kollha u l-oqsma kollha ta' kooperazzjoni li jaqgħu taħt ir-regolament preżenti.

Il-koordinazzjoni timplika skambju regolari u frekwenti ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, fuq analiżi marbuta mas-sitwazzjoni fil-pajjiżi u r-reġjuni msieħba, l-istrateġiji ta' kooperazzjoni, is-setturi prioritarji ta' intervent, l-attivitajiet ta' kooperazzjoni preżenti u futuri u l-evalwazzjonijiet.

Tali koordinazzjoni hi b'mod partikolari mħeġġa fuq livell lokali, fil-pajjiżi u r-reġjuni msieħba.

Ir-riżultati ta' l-eżerċizzji regolari tal-koordinazzjoni huma utli bħala tagħrif essenzjali għall-proċessi ta' programmazzjoni ta' l-Istati Membri u tal-Komunità.

(3) Fil-qafas tal-promozzjoni tal-metodu multilaterali bl-iskop li jissolvew il-problemi internazzjonali, il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tieħu l-inizjattiva meħtieġa biex tassigura l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet u l-entitajiet multilaterali u reġjonali, bħalma huma l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, l-aġenziji, il-fondi u l-programmi tal-Ġnus Magħquda u flimkien ma' l-isponsors bilaterali li ma jinsabux fil-Komunità.

(4) Il-kooperazzjoni komunitarja tiffavorixxi u tħeġġeġ l-appoġġ għall-istrateġiji ta' żvilupp nazzjonali u għall-politiċi ta' riforma, kif ukoll il-metodi u l-programmi settorjali permezz ta' rikors għal dawk l-istrumenti l-aktar adatti, u b'mod partikolari bl-appoġġ baġitarju.

(5) L-Unjoni hi mwaqqfa fuq il-valuri tar-rispett tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tad-demokrazija, ta' l-ugwaljanza, tas-supremazija tal-liġi u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tfittex li tħeġġeġ ir-rabta ma' dawn il-valuri fost il-pajjiżi msieħba permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni.

## TITLU II

## PROGRAMMAZZJONI U ALLOKAZZJONI TAL-FONDI

### *Artikolu 3*

### Qafas ġenerali tal-programmazzjoni u l-allokazzjoni tal-fondi

(1) Il-finanzjament tal-miżuri jitwettaq permezz ta' programmi ġeografiċi jew ta' programmi tematiċi, jew bil-parteċipazzjoni f'inizjattivi globali.

Programm ġeografiku jkopri l-attivitajiet ta' kooperazzjoni, fl-oqsma adegwati kollha, mal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba determinati skond il-bażi ġeografika.

Programm tematiku jkun marbut ma' suġġett jew qasam partikolari li jikkonċerna ġabra ta' pajjiżi msieħba mhux determinati fuq bażi ġeografika, jew ikopri attivitajiet ta' kooperazzjoni li jindirizzaw reġjuni differenti jew gruppi ta' pajjiżi msieħba, jew azzjoni internazzjonali mingħajr bażi ġeografika, partikolarment f'każ ta' inizjattivi multilaterali jew globali li għandhom l-għan li jippromwovu fuq barra l-għanijiet tal-politika interna ta' l-Unjoni.

Il-Kummissjoni tiddefinixxi l-programmi ġeografiċi u tematiċi u l-kopertura ġeografika tagħhom.

(2) F'dak li jikkonċerna l-programmi ġeografiċi, il-Kummissjoni tistabbilixxi numru ta' dokumenti ta' strateġija u ta' programmi indikattivi multi-annwali għal kull wieħed mill-pajjiżi u r-reġjuni msieħba, skond l-Artikolu 4, u adottat programmi ta' azzjoni għal kull wieħed mill-pajjiżi u reġjuni msieħba skond l-Artikolu 7.

F'dak li jikkonċerna l-programmi tematiċi, il-Kummissjoni tistabbilixxxi numru ta' dokumenti ta' strateġija tematika, skond l-Artikolu 5, u tadotta programmi ta' azzjoni skond l-Artikolu 7.

Fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, l-appoġġ tal-Komunità jista' jieħu wkoll ix-xejra ta' miżuri speċifiċi mhux previsti fid-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi multi-annwali, skond l-Artikolu 8.

(3) Fil-qafas tal-programmazzjoni ġeografika, il-Kummissjoni tiddefinixxi allokazzjoni multi-annwali u indikattiva tal-fondi biex tiffinanzja l-kooperazzjoni ma' kull wieħed mill-pajjiżi u reġjuni msieħba. Din l-allokazzjoni tieħu in kunsiderazzjoni l-kriterji definiti fuq il-bżonnijiet u r-rendiment tal-pajjiżi u r-reġuni msieħba fir-rigward tal-politiċi u l-istrateġiji komunitarji ta' kooperazzjoni, bla ħsara għal ċirkostanzi eċċezzjonali jew għall-impenji internazzjonali tal-Komunità. Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni ultra-periferiċi ta' l-UE u l-pajjiżi u reġjuni msieħba ġirien, il-Kummissjoni tista' tinkludi allokazzjoni finanzjarja speċifika.

*Artikolu 4*

Dokumenti ta' strateġija u programmazzjoni multi-annwali tal-programmi ġeografiċi

(1) Id-dokumenti ta' strateġija għall-pajjiżi u r-reġjuni msieħba twaqqfu għal perjodu massimu ta' seba' snin, bil-għan li jipprovdu qafas koerenti għall-kordinazzjoni bejn il-Komunità u l-pajjiżi u r-reġjuni msieħba. Dawn jippermettu li jkunu elaborati programmi indikattivi multi-annwali.

Id-dokumenti ta' strateġija huma s-suġġett ta' reviżjoni f'nofs it-terminu tagħhom, jew ta' reviżjoni *ad hoc* jekk din tkun meħtieġa, bl-applikazzjoni, jekk hemm bżonn, tal-prinċipji u proċeduri definiti fil-ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni konklużi mal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba.

(2) Id-dokumenti ta' strateġija tħejjew, sakemm kien possibbli, fuq bażi ta' djalogu mal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba, bl-assoċjazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi u r-reġjuni msieħba, b'tali mod li tkun żgurata approprjazzjoni xierqa tal-proċessi u biex ikun imħeġġeġ l-appoġġ għall-istrateġiji nazzjonali ta' l-iżvilupp, u b'mod partikolari għall-istrateġiji ta' tnaqqis tal-faqar.

(3) Programmi indikattivi multi-annwali, imwaqqfa fuq bażi tad-dokumenti ta' strateġija, huma mwaqqfa għal kull wieħed mill-pajjiżi u r-reġjuni msieħba. Dawn kienu s-suġġett, sakemm kien possibbli, ta' ftehim mal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba.

Il-programmi indikattivi multi-annwali jippreċiżaw l-oqsma ta' prijorità magħżula għall-finanzjament komunitarju, l-għanijiet speċifiċi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tar-rendiment.

Il-programmi indikattivi multi-annwali jagħtu wkoll allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi, globalment u għal kull qasam ta' prijorità, eventwalment taħt forma ta' allokazzjonijiet massimi jew minimi.

Il-programmi indikattivi multi-annwali jiġu adattati jekk meħtieġ u b'kunsiderazzjoni ta' l-analiżi f'nofs it-terminu jew *ad hoc* tad-dokumenti ta' strateġija.

Fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, jista' jsir xi tibdil ta' żieda jew tnaqqis fl-allokazzjoni multi-annwali u indikattiva tal-fondi, partikolarment fir-rigward tal-bżonnijiet partikolari bħal sitwazzjonijiet ta' wara kriżi jew ta' rendiment eċċezzjonali.

(4) Fil-każ ta' ċirkostanzi bħalma huma kriżijiet, sitwazzjonijiet ta' wara kunflitt, theddid għad-demokrazija, għas-supremazija tal-liġi, għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali, tista' ssir analiżi *ad hoc* ta' l-istrateġija ta' kooperazzjoni għall-pajjiż jew reġjun permezz ta' proċedura ta' urġenza partikolari. Din l-analiżi tista' twassal għal strateġija fil-konfront ta' pajjiż jew reġjun li jkollha l-għan li tħeġġeġ il-passaġġ lejn l-iżvilupp u l-kooperazzjoni fuq medda twila ta' żmien. Din l-istrateġija se tiżgura l-koerenza bejn il-miżuri meħuda fil-qafas tar-Regolament preżenti u kull strument Komunitarju ieħor, partikolarment l-Istrument ta' Stabbilità u l-għajnuna umanitarja. Meta pajjiżi msieħba jew gruppi ta' pajjiżi msieħba huma direttament konċernati jew milquta minn kriżi jew post-kriżi, il-proċess ta' programazzjoni multi-annwali għandu jagħmel enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn l-għajnuna, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp, b'mod li tkun żgurata t-transizzjoni tas-sitwazzjoni ta' urġenza għall-fażi ta' l-iżvilupp, kif ukoll biex il-pajjiżi u r-reġjuni li huma regolarment esposti għall-katastrofi naturali, b'enfasi fuq it-tħejjija għall-katastrofi u l-prevenzjoni tagħhom.

(5) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iwettqu konsultazzjonijiet reċiproki biex jassiguraw il-kumplimentarjetà ta' l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom. Sponsors oħra u atturi involuti fl-iżvilupp, inkluża s-soċjetà ċivili, huma assoċjati meta dan jidher bħala meħtieġ.

*Artikolu 5*

Dokumenti ta' strateġija u programmazzjoni multi-annwali tal-programmi tematiċi

(1) Id-dokumenti ta' strateġija tematika huma mwaqqfa għall-perjodu massimu ta' seba' snin. Dawn jippreżentaw l-istrateġija komunitarja għat-temi konċernati, il-prioritajiet tal-Komunità, is-sitwazzjoni fil-livell internazzjonali u l-attivitajiet ta' l-imsieħba ewlenin.

Il-Kummissjoni tiżgura l-koerenza bejn il-programmi tematiċi u dawk ġeografiċi, u tiżgura partikolarment li l-attivitajiet imwettqa permezz ta' programmi tematiċi huma koerenti fil-konfront tad-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi multi-annwali mwaqqfa għall-pajjiżi u reġjuni msieħba.

Il-programmi ta' strateġija tematika jippreċiżaw l-oqsma ta' priorità magħżula għall-finanzjament komunitarju, l-għanijiet speċifiċi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tar-rendiment.

Il-programmi ta' strateġija tematika jagħtu wkoll allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi, globalment u għal kull qasam ta' priorità, eventwalment taħt forma ta' allokazzjonijiet massimi jew minimi.

Id-dokumenti ta' strateġija tematika huma s-suġett ta' reviżjoni f'nofs it-terminu tagħhom, jew ta' reviżjoni *ad hoc* jekk din tkun meħtieġa.

(2) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iwettqu konsultazzjonijiet reċiproki biex jiżguraw il-kumplimentarjetà ta' l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom. Sponsors oħra u atturi involuti fl-iżvilupp, inkluża s-soċjetà ċivili, huma assoċjati meta dan jidher bħala meħtieġ.

(3) Riżorsi u azzjonijiet prioritarji huma identifikati għall-parteċipazzjoni f'inizjattivi globali.

*Artikolu 6*

Adozzjoni tad-dokumenti ta' programmazzjoni multi-annwali

Id-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi multi-annwali li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 4 u 5, kif ukoll l-analiżi tagħhom li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 4(1) u (3) u fl-Artikolu 5(1), huma deċiżi mill-Kummissjoni skond il-proċedura amministrattiva li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 21(2).

## TITLU III

## IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 7*

Adozzjoni tal-Programmi ta' Azzjoni

(1) Il-Kummissjoni tadotta, fuq bażi annwali, programmi ta' azzjoni mwaqqfa fuq bażi tad-dokumenti ta' strateġija u programmi indikattivi multi-annwali li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 4 u 5.

F'każijiet eċċezzjonali, partikolarment fil-każ fejn programm ta' azzjoni jkun għadu ma ġiex adottat, il-Kummissjoni tista' tadotta, fuq bażi tad-dokumenti ta' strateġija u programmi indikattivi multi-annwali li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 4 u 5, miżuri li ma jaqgħux taħt il-programmi ta' azzjoni, skond l-istess regoli u modalitajiet tal-programmi ta' azzjoni.

(2) Il-programmi ta' azzjoni jiddetterminaw l-għanijiet li jridu jintlaħqu, l-oqsma ta' intervent, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' tmexxija, kif ukoll l-ammont totali ta' finanzjament previst. Dawn jinkludu deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni ta' l-ammonti ta' finanzjament korrispondenti u kalendarju indikattiv ta' l-implimentazzjoni tagħhom.

(3) Il-Kummissjoni tibgħat dawn il-programmi ta' azzjoni, għall-informazzjoni, lill-Istati Membri sa xahar wara t-teħid tad-deċiżjoni tagħha.

*Artikolu 8*

Adozzjoni ta' miżuri speċifiċi mhux previsti fid-dokumenti ta' strateġija u programmi indikattivi multi-annwali

(1) Fil-każ ta' bżonn jew ta' avvenimenti mhux previsti, il-Kummissjoni tadotta miżuri speċifiċi mhux previsti fid-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi multi-annwali, minn hawn 'il quddiem imsejħa "miżuri speċifiċi".

Il-miżuri speċifiċi jistgħu jiffinanzjaw ukoll azzjonijiet li jippermettu li tkun faċilitata t-transizzjoni bejn l-għajnuna urġenti għal attivitajiet ta' żvilupp fuq medda twila ta' żmien, inklużi dawk l-azzjonijiet li għandhom l-għan li jħejju lill-popolazzjoni għal kriżijiet rikorrenti.

(2) F'każ li jkunu ta' aktar minn 15-il miljun Euro, deċiżjoni dwar il-miżuri speċifiċi tittieħed mill-Kummissjoni b'konformità mal-proċedura konsultattiva li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 21(3).

(3) Il-miżuri speċifiċi jiddeterminaw l-għanijiet li se jiġu segwiti, l-oqsma ta' intervent, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' tmexxija, kif ukoll l-ammont totali ta' finanzjament previst. Dawn jinkludi deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni ta' l-ammonti ta' finanzjament korrispondenti u kalendarju indikattiv ta' l-implimentazzjoni tagħhom.

(4) Il-Kummissjoni tibgħat dawn il-miżuri speċifiċi, għall-informazzjoni, lill-Istati Membri sa xahar wara t-teħid tad-deċiżjoni tagħha.

(5) Emendi tal-miżuri speċifiċi bħal adattamenti tekniċi, estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni, allokazzjoni mill-ġdid ta' krediti fil-baġit provviżorju, żieda tal-baġit b'ammont li ma jaqbiżx l-20% tal-baġit inizjali, jew tnaqqis tal-baġit jistgħu jsiru mingħajr l-użu tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 21(3), sakemm l-emedi m'għandhomx effett fuq l-għanijiet inizjali li kienu stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

*Artikolu 9*

Eliġibilità

(1) Jistgħu jkunu eliġibbli b'mod partikolari għall-finanzjament skond ir-Regolament preżenti fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tal-programmi ta' azzjoni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 7 jew tal-miżuri speċifiċi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 8:

(a) il-pajjiżi u r-reġjuni msieħba, u l-istituzzjonijiet tagħhom;

(b) l-entitajiet deċentralizzati tal-pajjiżi msieħba, bħar-reġjuni, dipartimenti, provinċji u muniċipalitajiet;

(c) il-korpi mħallta mwaqqfa mill-pajjiżi u r-reġjuni msieħba u l-Komunità;

(d) l-organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż organizzazzjonijiet reġjonali, l-organizzazzjonijiet, servizzi jew missjonijiet marbuta mas-sistema tal-Ġnus Magħquda, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u l-banek ta' żvilupp, sakemm dawn jagħtu kontribut għall-għanijiet tar-regolament preżenti;

(e) l-istituzzjonijiet u organi tal-Komunità fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 11 biss;

(f) l-aġenziji ta' l-Unjoni Ewropea;

(g) kif ukoll l-entitajiet jew il-korpi ta' l-Istati Membri, tal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba jew ta' kull Stat terz ieħor b'konformità mar-regoli dwar l-aċċess għall-għajnuna esterna tal-Komunità li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 16, sakemm dawn jagħtu kontribut għall-għanijiet tar-Regolament preżenti:

i. il-korpi statali jew parastatali, l-amministrazzjonijiet jew kollettivitajiet lokali u l-assoċjazzjonijiet tagħhom;

ii. il-kumpaniji, l-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet u aġenti ekonomiċi privati oħra;

iii. l-istituzzjonijiet finanzjarji li jipprovdu, iħeġġu u jiffinanzjaw investimenti privati fil-pajjiżi u reġjuni msieħba;

iv. l-atturi mhux statali skond id-definizzjoni ta' paragrafu (2);

v. persuni interessati.

(2) Entitajiet mhux statali li jistgħu jiksbu appoġġ finanzjarju taħt dan ir-Regolament huma b'mod partikolari: organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet tal-popolazzjoni awtoktona, gruppi professjonali u gruppi ta' inizjattivi lokali, il-koperattivi, il-*unions*, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-atturi ekonomiċi u soċjali, għaqdiet lokali (inklużi *networks*) li jaħdmu fil-qasam tal-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali deċentralizzata, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet tan-nisa jew taż-żgħażagħ, organizzazzjonijiet edukattivi, kulturali, ta' riċerka u xjentifiċi, l-Universitajiet, il-knejjes u assoċjazzjonijiet jew komunitajiet reliġjużi, l-istampa u l-mezzi tax-xandir u kull assoċjazzjoni mhux governattiva u fondazzjonijiet indipendenti li jistgħu jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom għall-iżvilupp jew fid-dimensjoni esterna tal-politiċi interni ta' l-Unjoni.

*Artikolu 10*

Forom ta' finanzjament

Il-finanzjament fil-qafas tat-twettiq tal-programmi ta' azzjoni jew ta' miżuri speċifiċi jista' jieħu b'mod partikolari x-xejriet li ġejjin:

(a) proġetti u programmi;

(b) appoġġ baġitarju settorjali jew ġenerali, jekk il-ġestjoni ta' l-ispejjeż pubbliċi ta' l-Istat imsieħeb hi trasparenti, ta' min jafda fiha u effikaċi u jekk il-politiċi settorjali u makroekonomiċi huma definiti kif suppost; stabbiliti mill-Istat imsieħeb u approvati mill-isponsors ewlenin, anke, meta jkun il-każ, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, ikunu twettqu;

(c) appoġġ settorjali;

(d) f'każi eċċezzjonali, xi programmi settorjali u ġenerali ta' appoġġ għall-importazzjonijiet, li jistgħu jieħdu x-xejra ta' (a) programmi settorjali ta' importazzjoni mhux fi flus, (b) programmi settorjali ta' importazzjoni taħt forma ta' għajnuna barranija sabiex l-importazzjonijiet settorjali jiġu ffinanzjati, jew (ċ)

programmi ġenerali ta' importazzjoni taħt forma ta' għajnuna barranija sabiex l-importazzjonijiet ġenerali li jinkludu firxa kbira ta' prodotti jiġu ffinanzjati;

(e) fondi mqegħda għad-dispożizzjoni tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment jew ta' intermedjarji finanzjarji oħra, fuq il-bażi tal-programmi tal-Kummissjoni, bil-għan li jikber is-self (b'mod partikolari bħala appoġġ għall-investiment u għall-iżvilupp tas-settur privat) jew ta' kapital mhux sigur (b'mod partikolari taħt forma ta' self subordinat jew kondizzjonat) jew sehem minuri u temporanju ieħor fil-kapital ta' l-intrapriżi, kif ukoll tal-kontribuzzjonijiet għall-fondi ta' garanzija, fil-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 18;

(f) bonus ta' rati ta' l-interessi, b'mod partikolari għas-self fil-qasam ta' l-ambjent;

(ġ) programmi ta' tnaqqis tad-dejn;

(ħ) sussidji maħsuba għall-finanzjament ta' l-azzjonijiet imressqa mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafi b,ċ, d, f, u g (i) sa (v) ta' l-Artikolu 9(1);

(i) sussidji maħsuba għall-finanzjament ta' l-ispejjeż għat-tħaddim ta' l-entitajiet imsemmija fil-paragrafi b,ċ,d,f u g (i),(iii) u (iv) ta' l-Artikolu 9(1);

(j) il-finanzjament tal-programm ta' ġemellaġġ bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi, organizzazzjonijiet pubbliċi nazzjonali u entitajiet legali privati responsabbli minn missjoni ta' servizz pubbliku ta' l-Istati Membri jew dawk tal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba;

(k) kontribuzzjonijiet għal fondi internazzjonali, b'mod partikolari dawk immexxija minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali;

(l) kontribuzzjonijiet għall-fondi nazzjonali stabbiliti minn pajjiżi u reġjuni msieħba sabiex issir ħidma favur il-kofinanzjament konġunt ta' diversi sponsors, jew għal xi fondi stabbiliti minn sponsor wieħed jew aktar sabiex l-azzjonijiet jitwettqu b'mod konġunt;

(m) għoti ta' kapital lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u lill-Banek ta' l-iżvilupp reġjonali;

(n) ir-riżorsi umani u materjali meħtieġa għall-amministrazzjoni u s-superviżjoni effettiva tal-proġetti u l-programmi għall-pajjiżi u r-reġjuni msieħba.

*Artikolu 11*

Miżuri ta' appoġġ

(1) Il-finanzjament Komunitarju jista' jkopri l-ispejjeż relatati ma' l-azzjonijiet ta' tħejjija, ta' segwitu, ta' kontroll, ta' verifika u ta' evalwazzjoni, li huma meħtieġa b'mod dirett għat-twettiq ta' dan ir-Regolament u għat-twettiq ta' l-għanijiet tiegħu, b'mod partikolari l-istudji, il-laqgħat, l-azzjonijiet ta' informazzjoni, ta' sensibilizzazzjoni, ta' tagħlim u ta' pubblikazzjoni, ta' spejjeż relatati man-*networks* informatiċi maħsuba għall-iskambju ta' l-informazzjoni, kif ukoll kull spiża oħra ta' għajnuna amministrattiva u teknika li għaliha l-Kummissjoni tista' tirrikorri għat-

tmexxija tal-programm. Hu jinkludi wkoll l-ispejjeż ta' l-appoġġ amministrattiv li jkun sar għad-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni sabiex tkun żgurata t-tmexxija ta' l-azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

(2) Dawn il-miżuri ta' appoġġ mhux bilfors ikunu inklużi fi programm multi-annwali u għalhekk jistgħu jkunu ffinanzjati b'mod separat mid-dokumenti ta' strateġija u mill-programmi indikattivi multi-annwali. Huma jistgħu jkunu ffinanzjati wkoll taħt il-programmi indikattivi multi-annwali.

Il-Kummissjoni tadotta miżuri ta' appoġġ li mhumiex koperti mill-programmi indikattivi multi-annwali skond id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 8.

*Artikolu 12*

Kofinanzjamenti

(1) Il-miżuri ffinanzjati jistgħu jiffurmaw parti minn kofinanzjament, b'mod partikolari ma':

(a) l-Istati Membri, u l-aġenziji pubbliċi u parapubbliċi tagħhom;

(b) l-Istati terzi li jiffinanzjaw il-fondi, u b'mod partikolari l-aġenziji pubbliċi jew parapubbliċi tagħhom;

(c) l-organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi dawk reġjonali, u b'mod partikolari l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u reġjonali;

(d) is-soċjetajiet, intrapriżi u organizzazzjonijiet oħra, aġenti ekonomiċi privati u l-atturi l-oħra li mhumiex marbuta ma' l-Istat;

(e) il-pajjiżi jew ir-reġjuni msieħba benefiċjarji tal-fondi.

(2) Fil-każ ta' kofinanzjament parallel, il-proġett jew programm jinqasam f'diversi proġetti żgħar differenti wieħed mill-ieħor, u kull wieħed minnhom hu ffinanzjat minn imsieħba differenti li jiżguraw il-kofinanzjament b'tali mod li d-destinazzjoni tal-finanzjament tibqa' dejjem identifikabbli.

Fil-każ ta' kofinanzjament konġunt, in-nefqa totali tal-proġett jew programm hi mqassma bejn l-imsieħba li joffru l-kofinanzjament, u r-riżorsi jitqiegħdu flimkien, b'mod li l-identifikazzjoni tas-sors ta' finanzjament ta' attività speċifika fil-qafas ta' proġett jew programm ma tkunx possibbli.

(3) Fil-każ ta' kofinanzjament konġunt, il-Kummissjoni tista' tirċievi u tmexxi l-fondi f'isem l-entitajiet imsemmija fl-inċiżi (a), (b) u (c) ta' l-ewwel paragrafu għat-twettiq ta' l-azzjonijiet konġunti. Tali fondi se jkunu meqjusa bħala qliegħ magħmul skond l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 13*

Modi ta' tmexxija

(1) Il-miżuri ffinanzjati fil-qafas ta' dan ir-Regolament jitwettqu skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 1605/2002 li joħloq Regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

(2) Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħti xi xogħol ta' awtorità pubblika, b'mod partikolari dak ta' l-allokazzjonijiet baġitarji, lill-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 54(2)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1605/2002, f'każ ta' kofinanzjament u f'każi oħra li huma ġustifikati kif suppost.

(3) F'każ ta' tmexxija deċentralizzata, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrikorri għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti jew ta' għoti ta' sussidji lill-pajjiż jew reġjun msieħeb benefiċjarju mill-fondi, bil-kondizzjoni li:

– il-proċeduri tal-pajjiż jew tar-reġjun imsieħeb benefiċjarju mill-fondi jirrispettaw il-prinċipji tat-trasparenza, tal-proporzjonalità, ta' l-ugwaljanza tat-trattament u li ma jkunx hemm diskriminazzjoni, u li jħarsu minn kull kunflitt ta' interessi;

– il-pajjiż jew reġjun imsieħeb benefiċjarju tal-fondi jieħu r-responsabilità biex jivverifika b'mod regolari li l-azzjonijiet iffinanzjati mill-baġit komunitarju jsiru kif suppost, biex jieħu l-miżuri xierqa sabiex ikun hemm prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi, u biex jieħu azzjoni sabiex jiġbor lura xi fondi li jkunu ngħataw mhux kif suppost.

*Artikolu 14*

L-allokazzjonijiet baġitarji

(1) L-allokazzjonijiet baġitarji jsiru fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fil-qafas ta' l-Artikolu 7 (1), 8 (1) u 11 (3).

(2) Il-finanzjamenti Komunitarji għandhom ix-xejriet ġuridiċi li ġejjin:

– il-konvenzjonijiet tal-finanzjament;

– il-konvenzjonijiet tas-sussidji;

– il-kuntratti tas-suq;

– il-kuntratti tax-xogħol.

*Artikolu 15*

Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

(1) Kull konvenzjoni li toħroġ minn dan ir-Regolament iġġib magħha dispożizzjonijiet li joffru l-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità, b'mod partikolari fil-qasam tal-frodi, tal-korruzzjoni u ta' irregolaritajiet oħra, skond ir-Regolament tal-Kunsill

(KE, Euratom) Nru 2988/1995, (KE, Euratom) Nru 2185/1996 u (KE) Nru 1073/1999.

(2) Dawn il-konvenzjonijiet jipprevedu b'mod ċar id-dritt tal-Kummissjoni u tal-Qorti ta' l-Awdituri biex jagħmlu, kemm fuq il-karti kif ukoll fuq il-post, verifika rigward kull kuntrattur jew sotto-kuntrattur li jkun ibbenefika mill-fondi Komunitarji. Huma jawtorizzaw biċ-ċar ukoll lill-Kummissjoni biex twettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2185/1996.

(3) Kull kuntratt li jsir permezz tat-twettiq ta' l-għajnuna jiggarantixxi lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri l-eżerċizzju tad-dritt imsemmi fil-paragrafu 2, matul u wara t-twettiq tal-kuntratti,

*Artikolu 16*

Sehem fil-proċeduri tas-swieq pubbliċi u fil-proċeduri ta' l-għoti ta' sussidji u regoli ta' oriġini

(1) Fil-qafas tat-twettiq tal-programmi ta' l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 jew tal-miżuri speċifiċi msemmija fl-Artikolu 8, is-sehem fil-proċeduri tas-swieq pubbliċi u fil-proċeduri ta' l-għoti tas-sussidji hu miftuħ:

– fil-każ ta' programm tematiku hekk kif definit fl-Artikolu 3(1) għal kull persuna fiżika jew legali tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jew li qegħdin fi transizzjoni, hekk kif stipulat mill-OECD, kif ukoll għal kull Stat ieħor eliġibbli fil-qafas tal-programm tematiku;

– fil-każ ta' programm ġeografiku hekk kif definit fl-Artikolu 3(1) għal kull persuna fiżika jew legali tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jew li qegħdin fi transizzjoni, hekk kif stipulat mill-OECD u eliġibbli fil-qafas tal-programm ġeografiku;

– fil-każi kollha, għal kull persuna fiżika u legali ta' l-Istati Membri tal-Komunità, ta' l-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea u ta' l-Istati eliġibbli għal għajnuna komunitarja fil-qafas ta' l-istrument ta' qabel is-sħubija, kif ukoll għal kull Stat terz ieħor bil-patt ta' reċiproċità skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

(2) Jekk Stat terz jieħu r-responsabbilità li jawtorizza lil persuni fiżiċi u legali ta' l-Istati Membri biex jieħdu sehem fil-proċeduri tas-swieq pubbliċi u fil-proċeduri ta' l-għoti tas-sussidji fil-qafas ta' dawn il-programmi ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tawtorizza lill-persuni fiżiċi u legali ta' dan l-Istat terz biex jieħdu sehem fil-proċeduri tas-swieq pubbliċi u fil-proċeduri ta' għoti ta' sussidji.

Il-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni ta' l-aċċess għas-swieq u għas-sussidji fuq parir tal-Kumitat, li jissemma fl-Artikolu 21, u tieħu azzjoni skond ir-rapport li janalizza l-motivazzjonijiet, il-kondizzjonijiet u l-impatt ta' l-aċċess propost u skond il-proċedura tal-ġestjoni msemmija fl-Artikolu 21(2).

Id-deċiżjoni ta’ l-aċċess tista’ tkopri l-għajnuna komunitarja kollha, jew programm/i tematiċi jew ġeografiċi, jew pajjiż/i jew reġjun/i msieħba, u eventwalment tkun limitata għal ċerti oqsma ta’ kooperazzjoni. Id-deċiżjoni tibqa’ valida għal mill-anqas sena.

(3) Meta l-miżuri ffinanzjati fil-qafas ta’ dan ir-Regolament jitwettqu b’mod ċentralizzat indirett minn korpi ta’ l-Istati Membri jew minn entitajiet leġislattivi privati ta’ l-Istati Membri responsabbli minn missjoni ta’ servizz pubbliku, jew b’mod deċentralizzat taħt ir-responsabilità tal-pajjiż jew tar-reġjun imsieħeb benefiċjarju tal-fond, jew minn delega lil xi organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali, u b’mod partikolari l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, is-sehem fil-proċeduri tas-swieq pubbliċi u għall-proċeduri ta’ l-għoti tas-sussidji mwettqa mill-entità ġestjonarja hu miftuħ għall-persuni fiżiċi u legali ta’ l-Istati li jkollhom aċċess għas-swieq u għas-sussidji Komunitarji skond il-prinċipji msemmija fil-paragrafi 1 u 2, kif ukoll għal kull Stat ieħor eliġibbli skond ir-regoli u l-proċeduri ta’ l-entità ġestjonarja.

(4) L-oriġini tal-forniment u tal-materjal mixtri b’kuntratt li jinħoloq mit-twettiq ta’ miżuri meħuda fil-qafas ta’ dan ir-Regolament tirrispetta l-prinċipji msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3.

(5) F’każ ta’ ċirkostanzi eċċezzjonali, u b’mod partikolari, fil-każ ta’ urġenza estrema, f’każ fejn is-servizzi, il-forniment u l-materjal ma jkunux disponibbli fl-Istati li għandhom aċċess għas-swieq Komunitarji, jew jekk ir-regoli tas-sehem fis-swieq joħolqu tfixkil eċċessiv għall-proġett jew programm, jew fejn dan saħansitra ma jkunx jista’ jitwettaq, il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi:

– li tespandi l-ftuħ tas-swieq għall-persuni fiżiċi u legali ta’ Stat li mhux eliġibbli fil-qafas tal-paragrafu 1;

– li tippermetti x-xiri ta’ fornimenti jew ta’ materjal li joriġina minn Stat li mhux eliġibbli fil-qafas tal-paragrafu 1.

*Artikolu 17*

Finanzjament minn qabel

Fil-qasam tal-finanzjament minn qabel, l-interessi maħluqa mill-ammonti mqegħda għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji huma mnaqqsa mill-ħlas finali.

*Artikolu 18*

Fondi mqegħda għad-dispożizzjoni tal-Bank Ewropew ta’ l-Investiment jew ta’ intermedjarji finanzjarji oħra

(1) Il-fondi msemmija fir-raba’ inċiż ta’ l-Artikolu 10 huma mmexxija minn intermedjarji finanzjarji, mill-Bank Ewropew ta’ l-Investiment jew minn kull bank jew organizzazzjoni oħra li għandha l-kapaċitajiet meħtieġa biex tmexxi dawn il-fondi.

(2) Il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-każ, id-dispożizzjonijiet tat-twettiq tal-paragrafu 1 rigward it-tqassim tar-riskji, il-ħlas ta' l-intermedjarju responsabbli mit-twettiq, l-użu u l-ġbir tal-benefiċċji tal-fondi, kif ukoll il-kondizzjonijiet ta' għeluq ta' l-operazzjoni.

*Artikolu 19*

Evalwazzjoni

(1) Il-Kummissjoni tevalwa b'mod regolari r-riżultati tal-politiċi u tal-programmi ġeografiċi u tematiċi, tal-politiċi settorjali, kif ukoll l-effikaċità tal-programmazzjoni, sabiex tivverifika jekk l-għanijiet intlaħqux u biex tħejji xi rakkomandazzjoni bil-għan li ttejjeb l-operazzjonijiet fil-ġejjieni.

(2) Il-Kummissjoni tgħaddi, bħala informazzjoni, ir-rapporti ta' evalwazzjoni lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21.

TITLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 20*

Rapport annwali

(1) Il-Kummissjoni teżamina l-progress magħmul fit-twettiq tal-miżuri meħuda fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport annwali dwar it-twettiq ta' l-għajnuna. Ir-rapport jintbagħat ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

(2) Ir-rapport jippreżenta, għas-sena ta' qabel, xi tagħrif dwar il-miżuri finanzjarji, dwar ir-riżultati ta' l-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni u dwar l-eżekuzzjoni baġitarja fis-sens tal-garanziji u l-ħlas skond il-pajjiżi u r-reġjuni sħab u skond l-oqsma tal-kooperazzjoni.

*Artikolu 21*

Kumitat

(1) Il-Kummissjoni hi mgħejjuna minn kumitat.

(2) Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli (4) u (7) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE japplikaw, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 ta' din ta' l-aħħar. Il-perjodu previst fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE hu stipulat għal 30 jum.

(3) Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli (3) u (7) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE japplikaw, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 ta' din ta' l-aħħar.

(4) Il-Kumitat jadotta r-Regolament Intern tiegħu. Dan jinkludi xi regoli li jippermettu lill-Kummissjoni li tadotta l-miżuri speċifiċi msemmija fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 8(2), skond il-proċedura ta' urġenza.

(5) Rappreżentant tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment jgħin fix-xogħlijiet tal-Kumitat.

*Artikolu 22*

Sehem ta' pajjiż terz li mhux eliġibbli

(1) Sabiex l-għajnuna Komunitarja tkun koerenti u effikaċi, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, waqt l-adozzjoni tal-programmi ta' azzjoni msemmija fl-Artikolu 7 jew tal-miżuri speċifiċi msemmija fl-Artikolu 8, li xi pajjiżi, territorji u reġjuni eliġibbli għall-għajnuna Komunitarja fil-qafas ta' l-istrument ta' qabel is-sħubija jew fil-qafas ta' l-istrument Ewropew ta' ġirien u ta' sħubija, kif ukoll Pajjiżi u Territorji li ma jinsabux fil-Kontinent Ewropew assoċjati mal-Komunità, jistgħu jibbenefikaw minn miżuri meħuda fil-qafas ta' dan ir-Regolament, jekk il-proġett jew il-programm ġeografiku jew tematiku li jitwettaq ikun ta' karattru globali, orizzontali, reġjonali jew ta' bejn il-fruntieri. Din il-possibilità ta' finanzjament tista' tiġi prevista fid-dokumenti ta' l-istrateġija u fil-programmi indikattivi multi-annwali msemmija fl-Artikoli 4 u 5. Id-dispożizzjonijiet dwar l-eliġibbilità previsti fl-Artikolu 9 u d-dispożizzjonijiet dwar is-sehem fil-proċeduri tas-swieq pubbliċi u l-proċeduri ta' l-għoti ta' sussidji, u r-regoli ta' l-oriġini previsti fl-Artikolu 16 huma adattati b'mod li jippermettu il-parteċipazzjoni effettiva tal-pajjiżi, territorji u reġjuni kkonċernati.

(2) Rigward l-inizjattivi dinjija fil-qasam ta' l-iżvilupp sostenibbli u li jappoġġjaw il-ħarsien tal-beni pubbliċi dinjin fil-qafas tal-mekkaniżmi multilaterali, il-Kummissjoni tista' tagħti għajnuna finanzjarja fil-qafas ta' dan ir-Regolament. F'każi bħal dawn, l-aċċettazzjoni għall-finanzjament hi mifruxa għal kull pajjiż li jibbenefika minn għajnuna fil-qafas ta' inizjattiva dinjija.

*Artikolu 23*

Waqfien ta' l-għajnuna

Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-waqfien ta' l-għajnuna stabbiliti fil-ftehim ta' sħubija u ta' kooperazzjoni milħuqa mal-pajjiżi u mar-reġjuni msieħba, jekk il-prinċipji msemmija fit-Titlu I ma jiġux irrispettati minn pajjiż imsieħeb, il-Kunsill, billi jirrikorri għall-maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jieħu l-miżuri xierqa rigward kull għajnuna mogħtija lil xi pajjiż imsieħeb fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 24*

Dispożizzjonijiet finanzjarji

(1) L-ammont ta' referenza finanzjarja għat-twettiq ta' dan ir-Regolament għall-perjodu 2007-2013 hu ta' 44 229 miljun Ewro, li minnhom 23 572 miljun iservu biex tiġi ffinanzjata l-kkooperazzjoni ġeografika ma' l-Istati ta' l-Afrika, tal-Karajbi u tal-Paċifiku, minbarra l-Afrika t'Isfel u t-Timor tal-Lvant.

(2) Il-krediti annwali huma awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limitu tal-perspettivi finanzjarji.

*Artikolu 25*

Reviżjoni tar-Regolament

Il-Kummissjoni tgħaddi lill-Parlament u lill-Kunsill, qabel il-31 ta' Diċembru 2011, il-proposti rigward il-ġejjieni ta' dan ir-Regolament, u jekk ikun meħtieġ, l-emendi li jkun jeħtieġ li jsirulu.

*Artikolu 26*

(1) Mill-1 ta' Jannar 2007, ir-Regolamenti li ġejjin huma mħassra:

(a) ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1568/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 dwar l-għajnuna għall-ġlieda kontra l-mard maħluq mill-faqar (HIV/AIDS, tuberkulożi u malarja) fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

(b) ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1567/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 dwar l-għajnuna maħsuba għall-politiċi u għall-azzjonijiet marbuta mas-saħħa riproduttiva u sesswali u mad-drittijiet relatati fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

(c) ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2493/2000 tas-7 ta' Novembru 2000 dwar il-miżuri maħsuba biex jippromwovu l-integrazzjoni sħiħa tad-dimensjoni ambjentali fil-proċess ta' żvilupp tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

(d) ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2494/2000 tas-7 ta' Novembru 2000, dwar il-miżuri maħsuba biex jippromwovu l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti tropikali u tal-foresti l-oħra fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

(e) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/1999 tad-29 ta' April 1999 li jistipula l-esiġenzi għat-twettiq ta' l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp li jikkontribwixxu għall-għan ġenerali ta' l-iżvilupp u tat-tisħiħ tad-demokrazija u l-Istat leġislattiv kif ukoll għal dak tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

(f) ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 806/2004, tal-21 ta' April 2004 dwar il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

(g) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1659/98 tas-17 ta' Lulju 1998 dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata, modifikata u miżjuda mir-Regolamenti (KE) Nru 995/2002 u 625/2004;

(h) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1658/98 tas-17 ta' Ġunju 1998, dwar il-kofinanzjament ma' l-organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi ta' l-iżvilupp (NGOs) ta' azzjonijiet fl-oqsma li jinteressaw lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

(i) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 tas-27 ta' Ġunju 1996 dwar il-politika u t-tmexxija ta' l-għajnuna alimentari u ta' l-azzjonijiet speċifiċi ta' appoġġ għas-sigurtà alimentari, emendat mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1726/2001 tat-23 ta' Lulju 2001, li jemenda l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 rigward il-politika u t-tmexxija ta' l-għajnuna alimentari u l-azzjonijiet speċifiċi tas-sigurtà alimentari;

(j) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 382/2001 tas-26 ta' Frar 2001, rigward it-twettiq tal-proġetti maħsuba biex jippromwovu l-kooperazzjoni u r-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi industrijalizzati ta' l-Amerika ta' Fuq, il-Lvant Imbiegħed u l-Awstralasja u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1035/1999;

(k) ir-Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill (KE) Nru 1726/2000, tad-29 ta' Ġunju 2000, dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma' l-Afrika t'Isfel;

(l) ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-għajnuna finanzjarja u teknika u l-kooperazzjoni ekonomika mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-Amerika Latina u fl-Asja;

(m) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2258/96 tat-22 ta' Novembru 1996 dwar l-azzjonijiet ta' rijabilitazzjoni u rikostruzzjoni fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

(n) ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2130/2001 tad-29 ta' Ottubru 2001, dwar l-azzjonijiet fil-qasam ta' l-għajnuna lir-refuġjati fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-Amerika Latina u fl-Asja;

(o) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 550/97 ta' l-24 ta' Marzu 1997, dwar l-azzjonijiet fil-qasam ta' l-HIV/AIDS fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

(p) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1484/97 tat-22 ta' Lulju 1997, dwar l-għajnuna għall-politiċi u l-programmi demografiċi fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

(2) Ir-Regolamenti mħassra jibqgħu japplikaw għall-atti ġuridiċi u għall-impenji relatati mat-twettiq ta' l-eżerċizzji li jsiru qabel l-2007.

*Artikolu 27*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Hu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u hu direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar […]

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |
| *[...]* | *[...]* |

## FICHE FINANCIÈRE LÉGISLATIVE

| | |
|---|---|
| **Domaine(s) politique(s):** | **Relations extérieures**<br>**Développement et Relations avec les Etats ACP**<br>**Aspects extérieurs des politiques internes** |
| **Activité(s):** | **Relations avec l'Europe de l'Est, le Caucase et les Républiques d'Asie Centrale (*en partie*)[24]**<br>**Relations avec le Moyen-Orient et la Méditerranée du Sud (*en partie*)[25]**<br>**Relations avec l'Asie**<br>**Relations avec l'Amérique Latine**<br>**Droits de l'Homme et Démocratisation**<br>**Relations multilatérales et domaines généraux des relations extérieures (*en partie*)[26]**<br>**Relations avec l'Afrique Sub-saharienne, les Caraïbes, le Pacifique et l'Océan Indien**<br>**Politique de coopération au Développement et stratégies sectorielles**<br>**Relations avec les pays de l'OCDE non membres de l'Union européenne**<br>**Aspects extérieurs de la politique de l'environnement et des autres politiques internes** |

| | |
|---|---|
| **DÉNOMINATION DE L'ACTION:** | **FINANCEMENT DE LA COOPÉRATION AU DÉVELOPPEMENT ET DE LA COOPÉRATION ÉCONOMIQUE AVEC LES ETATS TIERS** |

## 1. LIGNE(S) BUDGÉTAIRE(S) + INTITULÉ(S)

Activités actuellement couvertes par les Fonds européens de développement[27]

Et sous réserve de certaines activités relevant de l'instrument de stabilité :

*Dépenses administratives*[28]

07 01 04 06 - Participation aux activités internationales en matière d'environnement — Dépenses pour la gestion administrative

06 01 04 09 - Intelligent energy - Expenditure on administrative management (in part)

---

24 En partie car seules les activités de coopération avec les Républiques d'Asie Centrale relèvent de ce Règlement.

25 En partie car seules les activités de coopération avec les Pays du Golfe, le Yèmen, l'Irak et l'Iran relèvent de ce Règlement.

26 En partie car les opérations de déminage relèvent de l'instrument de stabilité.

27 A l'exception de celles relevant de l'instrument de stabilité ou des aides humanitaires ou d'urgence.

28 Sous réserve des activités relevant de l'instrument de pré-adhésion ou de l'instrument européen de voisinage et de partenariat (« *en partie* »).

07 01 04 05 - LIFE (European Financial Instrument for the Environment — 2000 to 2006) — Operations outside Community territory — Expenditure on administrative management (in part)

19 01 04 01 - Coopération avec les pays tiers industrialisés - Dépenses pour la gestion administrative

19 49 04 01 — Coopération avec les pays tiers industrialisés — Dépenses pour la gestion administrative

19 01 04 04 - Coopération financière et technique avec les pays en développement d´Asie - Dépenses de gestion administrative

19 49 04 04 - Coopération financière et technique avec les pays en développement d´Asie - Dépenses de gestion administrative

19 01 04 05 - Coopération financière et technique avec les pays en développement d´Amérique latine - Dépenses de gestion administrative

19 49 04 05 - Coopération financière et technique avec les pays en développement d´Amérique latine - Dépenses de gestion administrative

19 01 04 07 - Assistance aux Etats partenaires d´Europe orientale et d´Asie centrale - Dépenses de gestion administrative (*en partie*)

19 49 04 06 - Assistance aux Etats partenaires d´Europe orientale et d´Asie centrale - Dépenses de gestion administrative (*en partie*)

19 01 04 11 - Développement et consolidation de la démocratie et de l´État de droit - Respect des droits de l´homme et des libertés fondamentales - Dépenses de gestion administrative (*en partie*)

19 49 04 10 - Développement et consolidation de la démocratie et de l´État de droit - Respect des droits de l´homme et des libertés fondamentales - Dépenses de gestion administrative (*en partie*)

19 01 04 12 - Promotion de l´investissement communautaire dans les pays en développement d´Amérique latine, d´Asie, de la Méditerranée et en Afrique du Sud, dans le cadre des accords de coopération économique et commerciale - Dépenses de gestion administrative (*en partie*)

19 49 04 11 - Promotion de l´investissement communautaire dans les pays en développement d´Amérique latine, d´Asie, de la Méditerranée et en Afrique du Sud, dans le cadre des accords de coopération économique et commerciale - Dépenses de gestion administrative (*en partie*)

21 01 04 01 - Autres aides en produits, actions d´appui et transport, distribution, mesures d´accompagnement et de contrôle de la mise en oeuvre - Dépenses de gestion administrative

21 49 04 01 - Autres aides en produits, actions d´appui et transport, distribution, mesures d´accompagnement et de contrôle de la mise en oeuvre - Dépenses de gestion administrative

21 01 04 02 - Autres actions de coopération et stratégies sectorielles - Dépenses de gestion administrative

21 49 04 02 - Autres actions de coopération et stratégies sectorielles - Dépenses de gestion administrative

21 01 04 05 - Programme européen pour la reconstruction et le développement (PERD) - Dépenses de gestion administrative

21 49 04 05 - Programme européen pour la reconstruction et le développement (PERD) - Dépenses de gestion administrative

*Relations multilatérales*[29]

19 02 03 - Coopération avec les pays tiers sur les migrations (*en partie*)

19 02 07 - Promotion de l´investissement communautaire dans les pays en développement d´Amérique latine, d´Asie, de la Méditerranée et en Afrique du Sud, dans le cadre des accords de coopération économique et commerciale (*en partie*)

19 02 11 - Programme de coopération Nord-Sud dans la lutte contre les drogues et la toxicomanie (*en partie*)

*Droits de l'Homme*[30]

19 04 02 - Aide aux victimes de violations de droits de l'homme (*en partie*)

19 04 03 - Développement et consolidation de la démocratie et de l´État de droit - Respect des droits de l´homme et des libertés fondamentales (*en partie*)

19 04 04 - Soutien aux activités des tribunaux pénaux internationaux et à la mise en place de la Cour pénale international (*en partie*)

*Pays industrialisés*

19 05 02 - Coopération avec les pays tiers industrialisés

*Europe de l'Est, Caucase et Républiques d'Asie Centrale*[31]

19 06 01 - Assistance aux Etats partenaires d´Europe orientale et d´Asie centrale (*en partie*)

19 06 02 - Coopération transfrontalière dans le domaine structurel (*en partie*)

19 06 04 - Action de réhabilitation et de reconstruction en faveur des États partenaires d´Europe orientale et d´Asie centrale (*en partie*)

---

[29] Sous réserve des activités relevant de l'instrument de pré-adhésion ou de l'instrument européen de voisinage et de partenariat (« *en partie* »).

[30] Sous réserve des activités relevant de l'instrument de pré-adhésion ou de l'instrument européen de voisinage et de partenariat (« *en partie* »).

[31] Sous réserve des activités relevant de l'instrument européen de voisinage et de partenariat (« *en partie* »).

*Moyen-Orient et Méditerranée du Sud*[32]

19 08 05 - Actions de réhabilitation et de reconstruction en faveur des pays méditerranéens et du Proche- et du Moyen Orient (*en partie*)

19 08 06 - Autres interventions au bénéfice des pays en développement du Proche- et du Moyen-Orient (*en partie*)

19 08 07 - Aide à la réhabilitation et reconstruction de l'Iraq

*Amérique Latine*

19 09 01 - Coopération financière et technique avec les pays en développement d´Amérique latine

19 09 02 - Coopération politique, économique et culturelle avec les pays en développement d'Amérique latine

19 09 03 - Aide aux populations déracinées dans les pays d´Amérique latine

19 09 04 - Actions de réhabilitation et de reconstruction en faveur des pays en développement d´Amérique latine

*Asie*

19 10 01- Coopération financière et technique avec les pays en développement d´Asie

19 10 02 - Coopération politique, économique et culturelle avec les pays en développement d'Asie

19 10 03 - Aide aux populations déracinées dans les pays d´Asie

19 10 04 - Actions de réhabilitation et de reconstruction en faveur des pays en développement d´Asie

19 10 06 - Aide à la réhabilitation et reconstruction de l'Afghanistan

*Stratégies sectorielles*

07 02 01 Participation aux activités internationales en matière d'environnement

06 04 02 Intelligent energy — Europe programme (2003 to 2006): external strand — Coopener (in part)

07 02 02- LIFE (European Financial Instrument for the Environment — 2000 to 2006 — Operations outside Community territory (in part)

21 02 01 - Produits à mobiliser au titre de la convention relative à l´aide alimentaire

---

32 Sous réserve des activités relevant de l'instrument européen de voisinage et de partenariat (« *en partie* »).

21 02 02 - Autres aides en produits, actions d´appui et transport, distribution, mesures d´accompagnement et de contrôle de la mise en oeuvre

21 02 03 - Participation communautaire à des actions en faveur de pays en développement exécutées par des organisations non gouvernementales

21 02 05 - Environnement dans les pays en développement

21 02 06 - Intégration des questions de genre dans la coopération au développement

21 02 07 02 - Lutte contre les maladies dues à la pauvreté (VIH/sida, paludisme et tuberculose) dans les pays en développement

21 02 07 03 - Aide aux populations et soins de santé en matière de procréation

21 02 07 04 - Lutte contre les maladies dues à la pauvreté, autres que le VIH/sida, le paludisme et la tuberculose, dans les pays en développement

21 02 08 - Aide à l'éducation fondamentale dans les pays en développement

21 02 12 - Intégration des droits de l'enfant dans la coopération au développement

21 02 13 - Coopération décentralisée

21 02 14 - Constitution de capacités dans le domaine des technologies de l'information et des communications et dans le domaine de l'énergie durable

21 02 17 - Coopération culturelle avec les pays en développement

*Etats ACP*

21 03 01 — Aide programmable – États ACP

21 03 02 — Ajustement structurel, y compris les pays pauvres lourdement endettés (PPLE) — États ACP

21 03 03 — Stabex — États ACP

21 03 04 — Sysmin — États ACP

21 03 05 — Capitaux à risque — États ACP

21 03 06 — Bonifications d'intérêts — États ACP

21 03 07 — Aides d'urgence — États ACP

21 03 08 — Aides aux réfugiés — États ACP

21 03 09 — Aide programmable — Pays et territoires d'outre-mer (PTOM

21 03 10 — Ajustement structurel, y compris les pays pauvres lourdement endettés (PPLE) — PTOM

21 03 11 — Stabex — PTOM

21 03 12 — Sysmin — PTOM

21 03 13 — Capitaux à risque — PTOM

21 03 14 — Bonifications d'intérêts — PTOM

21 03 15 — Aides d'urgence — PTOM

21 03 16 — Aides aux réfugiés — PTOM

21 03 17 - Programme européen pour la reconstruction et le développement (PERD)

21 03 19 - Assistance aux producteurs traditionnels de rhum ACP dans les domaines du développement et de la diversification des marchés

21 03 20 - Action de réhabilitation et de reconstruction en faveur des pays en voie de développement, notamment les Etats ACP

## 2. DONNÉES CHIFFRÉES GLOBALES

### 2.1 Enveloppe totale de l'action (partie B): 44 229 millions d'euros en CE

### 2.2 Période d'application: 2007-2013

### 2.3 Estimation globale pluriannuelle des dépenses: *(prix courant)*

a) Échéancier crédits d'engagement/crédits de paiement (intervention financière) *(cf. point 6.1.1)*

Millions d'euros (*à la 3e décimale)*

| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 + suivantes | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Crédits d'engagement | 2.364 | 5.770 | 6.169 | 6.621 | 6.917 | 7.172 | 7.446 | **42.459** |
| Crédits de paiement | 284 | 1.283 | 2.608 | 3.801 | 4.942 | 5.831 | 23.710 | **42.459** |

b1) Assistance technique et administrative : personnel *(cf. point 6.1.2)*

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Crédits d'engagement | 53 | 130 | 142 | 155 | 165 | 175 | 185 | **1.005** |
| Crédits de paiement | 53 | 130 | 142 | 155 | 165 | 175 | 185 | **1.005** |

b2) Assistance technique et administrative : dépenses d'appui (DDA) *(cf. point 6.1.2)*

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Crédits d'engagement | 45 | 111 | 115 | 121 | 124 | 124 | 125 | **765** |
| Crédits de paiement | 45 | 111 | 115 | 121 | 124 | 124 | 125 | **765** |

| Sous-total a+b | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Crédits d'engagement | 2.462 | 6.011 | 6.426 | 6.897 | 7.206 | 7.471 | 7.756 | **44.229** |
| Crédits de paiement | 382 | 1.524 | 2.865 | 4.077 | 5.231 | 6.130 | 24.020 | **44.229** |

* "années suivantes" ne s'appliquent qu'aux paiements

c) Incidence financière globale des ressources humaines et autres dépenses de fonctionnement *(cf. points 7.2 et 7.3)*

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| CE/CP | 122 | 303 | 330 | 361 | 386 | 408 | 431 | **2.341** |

| TOTAL a+b2+c | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Crédits d'engagement | 2.531 | 6.184 | 6.614 | 7.103 | 7.427 | 7.704 | 8.002 | **45.565** |
| Crédits de paiement | 451 | 1.697 | 3.053 | 4.283 | 5.452 | 6.363 | 24.266 | **45.565** |

### 2.4 Compatibilité avec la programmation financière et les perspectives financières

Proposition compatible avec la programmation financière prévue pour la période 2007-2013.

### 2.5 Incidence financière sur les recettes

Aucune implication sur les recettes.

## 3. CARACTÉRISTIQUES BUDGÉTAIRES

| **Nature de la dépense** | | **Nouvelle** | **Participation AELE** | **Participation pays candidats** | **Rubrique PF** |
|---|---|---|---|---|---|
| DNO | CD | OUI | **NON** | **NON** | **4** |

## 4. BASE JURIDIQUE

Articles 179 et 181a du traité instituant la Communauté européenne.

## 5. DESCRIPTION ET JUSTIFICATION

### 5.1 Nécessité d'une intervention communautaire

*5.1.1 Objectifs poursuivis*

*Coopération avec les pays en voie de développement*

Avec la politique extérieure et de sécurité commune, la politique commerciale et l'assistance humanitaire, la politique de développement de la Communauté est un domaine important des relations extérieures de l'Union européenne.

Les objectifs poursuivis par le financement d'activités de coopération au titre du présent Règlement sont ceux définis à l'article 177 du traité instituant la Communauté européenne, à savoir :

– le développement économique et social durable des pays en développement et plus particulièrement des plus défavorisés d'entre eux ;

– l'insertion harmonieuse et progressive des pays en développement dans l'économie mondiale ;

– la lutte contre la pauvreté dans les pays en développement.

En outre, la politique de la Communauté contribue à l'objectif général de développement et de consolidation de la démocratie et de l'État de droit, ainsi qu'à l'objectif du respect des droits de l'homme et des libertés fondamentales.

La déclaration conjointe du Conseil et de la Commission de novembre 2000[33] donne à la Communauté un encadrement général pour ses activités de coopération et ses partenariats avec les pays en développement ou en transition. C'est ainsi que le principal objectif de la politique de coopération au développement de la Communauté est de réduire et éventuellement d'éradiquer la pauvreté par un appui au développement économique, social et environnemental durable, par l'intégration progressive des pays en développement dans l'économie mondiale et par la lutte contre les inégalités. La promotion des droits de l'homme, de la démocratie, de l'Etat de Droit, et de la bonne gouvernance fait partie intégrante de la politique communautaire de développement. En outre, la Communauté encourage une plus grande participation des organisations non gouvernementales, des opérateurs économiques, et notamment du secteur privé, et des partenaires sociaux dans les processus de développement. La politique communautaire de développement contribue également aux objectifs internationaux approuvés dans le contexte des Nations Unies ou au sein d'autres organisations internationales compétentes.

